Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

2024/0068(COD)

24.2.2025

***I
ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-titjib u l-infurzar tal-kundizzjonijiet tax-xogħol tat-trainees u l-ġlieda kontra relazzjonijiet ta' impjieg regolari li taparsi jkunu traineeships (id-"Direttiva dwar it-Traineeships")
(COM(2024)0132 – C10-0004/2024 – 2024/0068(COD))

Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

Rapporteur: Alicia Homs Ginel

Tifsira tas-simboli użati

*	Proċedura ta' konsultazzjoni
***	Proċedura ta' approvazzjoni
***I	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari)
***II	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari)
***III	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

Emendi għal abbozz ta' att

Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat

Il-partijiet ġodda tat-test huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa***. Il-partijiet imħassra tat-test huma indikati permezz tas-simbolu ▌ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni tintwera billi jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** t-test il-ġdid u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit. Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW 4

NOTA SPJEGATTIVA 56

ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR IRĊEVIET KONTRIBUT MINGĦANDHOM 61

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-titjib u l-infurzar tal-kundizzjonijiet tax-xogħol tat-trainees u l-ġlieda kontra relazzjonijiet ta' impjieg regolari li taparsi jkunu traineeships (id-"Direttiva dwar it-Traineeships") (COM(2024)0132 – C10-0004/2024 – 2024/0068(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2024)0132),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikoli 153(2)(b) u 153(1)(b) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C10-0004/2024),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-opinjoni motivata ppreżentata mil-Parlament Żvediż, fil-qafas tal-Protokoll Nru 2 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità li tiddikjara li l-abbozz ta' att leġiżlattiv ma jimxix mal-prinċipju ta' sussidjarjetà,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 60 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta'...[1],

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni ta'... [2],

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali (A10-0000/2025),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

---

[1] Għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

[2] Għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

Emenda 1

Proposta għal direttiva
Titolu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Proposta għal	Proposta għal
DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL	DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL
dwar it-titjib u l-infurzar tal-kundizzjonijiet tax-xogħol tat-trainees u l-ġlieda kontra ***relazzjonijiet ta' impjieg regolari*** li ***taparsi jkunu*** traineeships (id-"Direttiva dwar it-Traineeships")	dwar it-titjib u l-infurzar tal-kundizzjonijiet tax-xogħol tat-trainees u l-ġlieda kontra ***l-prattiki abbużivi*** li ***jirriżultaw mill-użu ta'*** traineeships (id-"Direttiva dwar it-Traineeships")
(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)	(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

Or. en

Emenda 2

Proposta għal direttiva
Premessa 1a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(-1a) Skont l-Artikolu 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), l-għanijiet tal-Unjoni jinkludu l-promozzjoni tal-benesseri tal-popli tagħha, il-ġlieda kontra l-esklużjoni soċjali u d-diskriminazzjoni, u l-ħidma favur l-iżvilupp sostenibbli ta' Ewropa bbażata, inter alia, fuq tkabbir ekonomiku bbilanċjat, u ekonomija soċjali tas-suq kompetittiva ħafna, li timmira għal livell massimu ta' impjieg u progress soċjali. Skont l-Artikolu 9 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), l-Unjoni għandha tqis, fost l-oħrajn, ir-rekwiżiti marbuta mal-promozzjoni ta' livell għoli ta' impjieg, mal-garanzija ta' protezzjoni soċjali adegwata, u mal-ġlieda kontra l-esklużjoni soċjali.

Or. en

Emenda 3

Proposta għal direttiva
Premessa -1b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(-1b) L-Artikolu 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE jipprojbixxi "kull diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess, ir-razza, il-kulur, l-oriġini etnika jew soċjali, il-karatteristiċi ġenetiċi, il-lingwa, ir-reliġjon jew it-twemmin, l-opinjoni politika jew xi opinjoni oħra, l-appartenenza għal minoranza nazzjonali, il-proprjetà, it-twelid, id-diżabbiltà, l-età, jew l-orjentazzjoni sesswali". L-Artikolu 31 tal-Karta jipprevedi d-dritt ta' kull ħaddiem għal kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti u xierqa li jirrispettaw is-saħħa, is-sigurtà u d-dinjità tiegħu.

Or. en

Emenda 4

Proposta għal direttiva
Premessa -1c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(-1c) Il-Kapitlu I u II tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali (il-"Pilastru"), ipproklamat f'Gothenburg fis-17 ta' Novembru 2017, jistabbilixxu ġabra ta' prinċipji biex iservu ta' gwida għal opportunitajiet indaqs, aċċess għas-suq tax-xogħol u kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti. Il-Prinċipju 3 tal-Pilastru jissottolinja li, irrispettivament mill-ġeneru, l-oriġini razzjali jew etnika, ir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabilità, l-

età jew l-orjentazzjoni sesswali, kull persuna għandha d-dritt għal trattament u opportunitajiet indaqs, rigward, inter alia, ix-xogħol u l-edukazzjoni. Il-Prinċipju 4(b) tal-Pilastru jipprovdi liż-żgħażagħ id-dritt għal edukazzjoni kontinwa, apprendistat, traineeship jew offerti ta' impjieg tajjeb fi żmien erba' xhur minn meta jsiru qiegħda jew minn meta jitilqu mill-edukazzjoni. Il-Prinċipju 5 tal-Pilastru jipprevedi li, irrispettivament mit-tip u mid-durata tar-relazzjoni ta' impjieg, il-ħaddiema għandhom id-dritt għal trattament ġust u ugwali fir-rigward tal-kundizzjonijiet tax-xogħol, l-aċċess għall-protezzjoni soċjali u t-taħriġ, u li għandhom jiġu evitati relazzjonijiet ta' impjieg li jwasslu għal kundizzjonijiet tax-xogħol prekarji. Il-Prinċipju 6 tal-Pilastru jipprevedi li l-ħaddiema għandhom id-dritt għal pagi ġusti li jipprovdu standard tal-għajxien deċenti.

Or. en

Emenda 5

Proposta għal direttiva
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) ***Il-Garanzija*** għaż-Żgħażagħ***4 imsaħħa*** għandha l-għan li tiżgura li ż-żgħażagħ taħt l-età ta' 30 sena jirċievu offerta ta' impjieg ta' kwalità tajba, edukazzjoni kontinwa, apprendistat jew traineeship fi żmien erba' xhur minn meta jsiru qiegħda jew minn meta jitilqu mill-edukazzjoni. ***Ir-Rakkomandazzjoni tal-2014 hija punt ta' referenza importanti biex titkejjel il-kwalità tal-offerti ta' traineeships taħt il-Garanzija għaż-Żgħażagħ imsaħħa***.	(3) ***Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar Pont għall-Impjiegi – It-tisħiħ tal-Garanzija*** għaż-Żgħażagħ għandha l-għan li tiżgura li ż-żgħażagħ taħt l-età ta' 30 sena jirċievu offerta ta' impjieg ta' kwalità tajba, edukazzjoni kontinwa, apprendistat jew traineeship fi żmien erba' xhur minn meta jsiru qiegħda jew minn meta jitilqu mill-edukazzjoni. ***Madankollu, ir-Rieżami tal-Kumitat tal-Impjiegi (EMCO) tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ[1a] fl-2024 sab differenzi persistenti u sostanzjali fil-kwalità u fl-effettività tat-twassil tas-servizzi***.

	1a Rieżamijiet mill-EMCO tal-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar Pont għall-Impjiegi – It-Tiswiħ tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ
[4] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-30 ta' Ottubru 2020 dwar Pont għall-Impjiegi – It-tiswiħ tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ u li tissostitwixxi r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' April 2013 dwar l-istabbiliment ta' Garanzija għaż-Żgħażagħ 2020/C 372/01 ***2020/C 372/01*** (ĠU C 372, 4.11.2020, p. 1).	[4] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-30 ta' Ottubru 2020 dwar Pont għall-Impjiegi – It-tiswiħ tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ u li tissostitwixxi r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' April 2013 dwar l-istabbiliment ta' Garanzija għaż-Żgħażagħ 2020/C 372/01 (ĠU C 372, 4.11.2020, p. 1).

Or. en

Emenda 6

Proposta għal direttiva
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) In-nuqqas ta' ħaddiema jeżisti f'ħafna xogħlijiet u fil-livelli kollha tal-ħiliet. Dan huwa mistenni li jiżdied bit-tnaqqis ipproġettat fil-popolazzjoni fl-età tax-xogħol u biż-żieda fid-domanda għal diversi xogħlijiet rilevanti għat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali. Il-parteċipazzjoni aktar baxxa taż-żgħażagħ fis-suq tax-xogħol tikkontribwixxi għal dawn in-nuqqasijiet. Traineeships ta' kwalità jistgħu jkunu perkors utli ta' titjib tal-ħiliet u/jew taħriġ mill-ġdid għal persuni ta' kwalunkwe età biex jiksbu ħiliet prattiċi fl-impjieg biex jidħlu fis-suq tax-xogħol jew imexxu l-karriera tagħhom f'direzzjoni ġdida.	***imħassar***

Or. en

Emenda 7

Proposta għal direttiva
Premessa 4a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(4a) Fil-livell tal-Unjoni, atti leġiżlattivi eżistenti, inkluż id-Direttivi 89/391/KEE[1a], 2002/14/KE[1b], 2003/88/KE[1c], 2008/104/KE[1d], (UE) 2018/957[1e], (UE) 2019/1152[1f], (EU) 2019/1158[1g] u (UE) 2022/2041[1h] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u d-Direttivi tal-Kunsill 97/81/KE[1i], 1999/70/KE[1j], 2000/78/KE [1k] jipprovdu qafas għall-protezzjoni tal-ħaddiema.
	1a Id-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE tat-12 ta' Ġunju 1989 dwar l-introduzzjoni ta' miżuri sabiex jinkoraġġixxu titjib fis-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq ix-xogħol (ĠU L 183, 29.06.1989, p. 1).
	1b Id-Direttiva 2002/14/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2002 li tistabbilixxi qafas ġenerali dwar l-informazzjoni u l-konsultazzjoni tal-impjegati fil-Komunità Ewropea - Dikjarazzjoni konġunta tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni dwar ir-rappreżentanza tal-ħaddiema (ĠU L 80, 23.3.2002, p. 29).
	1c Id-Direttiva 2003/88/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Novembru 2003 li tikkonċerna ċerti aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol (ĠU L 299, 18.11.2003, p. 9).
	1d Id-Direttiva 2008/104/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar xogħol temporanju permezz ta' aġenzija (ĠU L 327, 5.12.2008, p. 9).
	1e Id-Direttiva (UE) 2018/957 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Ġunju 2018 li temenda d-Direttiva

96/71/KE dwar l-istazzjonar ta' ħaddiema fil-qafas ta' prestazzjoni ta' servizzi (ĠU L 173, 9.7.2018, p. 16).

1f Id-Direttiva (UE) 2019/1152 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar kondizzjonijiet tax-xogħol trasparenti u prevedibbli fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 186, 11.7.2019, p. 105).

1g Id-Direttiva (UE) 2019/1158 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata (ĠU L 188, 12.7.2019, p. 79).

1h Id-Direttiva (UE) 2022/2041 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Ottubru 2022 dwar pagi minimi adegwati fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 275, 25.10.2022, p. 33).

1i Id-Direttiva tal-Kunsill 97/81/KE tal-15 ta' Diċembru 1997 li tikkonċerna l-Ftehim Qafas dwar ix-xogħol part-time konkluż mill-UNICE, miċ-CEEP u mill-ETUC – Anness: Il-ftehim qafas dwar xogħol part-time (ĠU L 14, 20.1.1998, p. 9).

1j Id-Direttiva tal-Kunsill 1999/70/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 dwar il-ftehim qafas dwar xogħol għal żmien fiss konkluż mill-ETUC, mill-UNICE u miċ-CEEP (ĠU L 175, 10.7.1999, p. 43).

1k Id-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE tas-27 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol (ĠU L 303, 2.12.2000, p. 16).

Or. en

Emenda 8

Proposta għal direttiva
Premessa 4b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(4b) L-Istrateġija dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità 2021-2030 għandha l-għan li tiżgura l-parteċipazzjoni shiha ta' persuni b'diżabilità fis-soċjetà, fuq bażi ugwali mal-oħrajn fl-Unjoni u lil hinn minnha. Fi ħdan dik l-istrateġija, il-Kummissjoni Ewropea timpenja ruħha li tiżgura li l-persuni b'diżabilità jkunu jistgħu jieħdu sehem fit-taħriġ u fit-tagħlim ta' ħiliet ġodda bħala rekwiżit fundamentali għall-impjieg u l-indipendenza.

Or. en

Emenda 9

Proposta għal direttiva
Premessa 4c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(4c) Fl-2022, il-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa ressqet proposta biex jiġi żgurat li l-internships u l-impjiegi taż-żgħażagħ jaderixxu ma' standards ta' kwalità, inkluż dwar il-pagi u l-projbizzjoni ta' internships mhux imħallsa fis-suq tax-xogħol u barra mill-edukazzjoni formali.

Or. en

Emenda 10

Proposta għal direttiva
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) It-traineeships ***jistgħu*** jgħinu liż-żgħażagħ jiksbu esperjenza prattika u	(5) It-traineeships ***għandhom l-għan li*** jgħinu liż-żgħażagħ jiksbu esperjenza

professjonali, ***itejbu l-impjegabbiltà tagħhom, u*** jiffaċilitaw it-tranżizzjoni tagħhom ***lejn*** impjieg stabbli***. Minnhom infushom,*** it-traineeships ***huma*** perkors importanti għas-suq tax-xogħol. ***Għall-impjegaturi, it-traineeships jipprovdu opportunitajiet biex jattiraw, iħarrġu, u jżommu ż-żgħażagħ. Dawn jistgħu jnaqqsu l-kost tat-tiftix u r-reklutaġġ ta' persunal b'ħiliet, meta t-trainees jiġu offruti pożizzjoni regolari wara t-traineeship tagħhom. Madankollu, dan jista' jinkiseb biss jekk it-traineeships jkunu ta' kwalità tajba u joffru kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti.***	prattika u professjonali, jiffaċilitaw it-tranżizzjoni tagħhom ***mill-edukazzjoni għal*** impjieg stabbli ***u l-aċċess għal professjoni***. ***L-iskop ta' traineeship huwa li jgħaqqad perjodu qasir*** ta' ***xogħol fil-livell tad-dħul ma' esperjenza ta' taħriġ sinifikanti***. ***Minnhom infushom,*** it-traineeships ***jistgħu jikkostitwixxu*** perkors importanti għas-suq tax-xogħol.

Or. en

Emenda 11

Proposta għal direttiva
Premessa 5a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(5a) Għall-impjegaturi, it-traineeships jipprovdu opportunitajiet biex jattiraw, iħarrġu, u jżommu ż-żgħażagħ. Huma jistgħu jnaqqsu l-kost tat-tiftix u r-reklutaġġ ta' persunal b'ħiliet, meta t-trainees jiġu offruti impjieg stabbli wara t-traineeship tagħhom. Madankollu, dan jista' jinkiseb biss jekk it-traineeships ikunu regolati.

Or. en

Emenda 12

Proposta għal direttiva
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) Għad hemm sfidi rigward l-użu	***imħassar***

problematiku tat-traineeships, inkluż meta l-pożizzjonijiet regolari tal-impjegati jiġu li taparsi jkunu traineeships, li jċaħħdu lil dawk il-ħaddiema mid-drittijiet sħaħ tagħhom skont id-dritt tal-Unjoni, il-liġi nazzjonali u l-ftehimiet kollettivi u joħolqu riskju li jinqabdu f'kundizzjonijiet tax-xogħol prekarji. Ir-relazzjonijiet ta' impjieg li taparsi jkunu traineeships ifixklu l-kompetizzjoni bejn il-kumpaniji billi jpoġġu lill-impjegaturi konformi fi żvantaġġ, iwasslu għall-evitar tal-obbligi fiskali u tas-sigurtà soċjali tal-impjegaturi u għal sostituzzjoni ta' karigi permanenti. F'każijiet oħra, l-impjegaturi ta' trainees "ġenwini" jistgħu ma jikkonformawx mar-rekwiżiti kollha li jirriżultaw mid-dritt tal-Unjoni, mil-liġi nazzjonali, mill-ftehimiet kollettivi jew mill-prattika, u b'hekk iċaħħduhom mid-drittijiet sħaħ tagħhom.

Or. en

Emenda 13

Proposta għal direttiva
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) ***Barra minn hekk, it-trainees huma inqas probabbli li jiddefendu d-drittijiet tagħhom minħabba l-pożizzjonijiet vulnerabbli tagħhom fis-suq tax-xogħol.*** In-nuqqas, il-kumplessità jew id-diversità tal-oqfsa regolatorji għat-traineeships f'diversi Stati Membri flimkien ma' infurzar insuffiċjenti tal-leġiżlazzjoni nazzjonali u n-nuqqas ta' kapaċità għal kontrolli u spezzjonijiet, kif ukoll in-nuqqas ta' ċarezza rigward l-awtorità responsabbli għall-kontroll u l-infurzar, ***huma fost il-fatturi ewlenin*** li ***jwasslu għall-użu problematiku tat-traineeships***.	(7) In-nuqqas, il-kumplessità jew id-diversità tal-oqfsa regolatorji għat-traineeships f'diversi Stati Membri flimkien ma' infurzar insuffiċjenti tal-leġiżlazzjoni nazzjonali u n-nuqqas ta' kapaċità għal kontrolli u spezzjonijiet, kif ukoll in-nuqqas ta' ċarezza rigward l-awtorità responsabbli għall-kontroll u l-infurzar, ***jirriskjaw li jwasslu għal prattiki abbużivi*** li ***jirriżultaw mill-użu ta' traineeships***.

Or. en

Emenda 14

Proposta għal direttiva
Premessa 7a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(7a) Il-kumplikazzjonijiet jinqalgħu aktar minħabba l-kategorizzazzjoni wiesgħa u informali tat-traineeships. It-traineeships jistgħu jinftiehmu li jinkludu traineeships li jkunu parti mill-kurrikuli għall-edukazzjoni formali; traineeships li huma regolati skont il-liġi nazzjonali u li t-tlestija tagħhom hija rekwiżit obbligatorju għall-aċċess għal professjoni speċifika; traineeships tas-suq miftuħ; u traineeships fil-kuntest ta' politiki attivi tas-suq tax-xogħol. Xi tipi ta' traineeships huma rregolati jew parzjalment irregolati fl-Istati Membri, filwaqt li oħrajn mhumiex.

Or. en

Emenda 15

Proposta għal direttiva
Premessa 7b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(7b) Mingħajr oqfsa regolatorji, jinħolqu kostijiet soċjoekonomiċi jekk it-traineeships, b'mod partikolari dawk ripetuti, jitħallew jissostitwixxu impjieg stabbli, b'mod partikolari pożizzjonijiet fil-livell tad-dħul li normalment jiġu offruti lit-trainees.

Or. en

Emenda 16

Proposta għal direttiva
Premessa 7c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(7c) Traineeships mhux imħallsa jew imħallsa ħażin jistgħu jkunu partikolarment ta' esklużjoni għal dawk iż-żgħażagħ li ma jkollhomx il-mezzi finanzjarji biex jagħmlu traineeship. Traineeships mhux imħallsa jew imħallsa ħażin jirriskjaw li jiddiskriminaw direttament jew indirettament abbażi tal-età, is-sess, ir-razza, il-kulur, l-oriġini etnika u soċjali, id-diżabilità u oħrajn. It-tqassim bejn it-traineeships mhux imħallsa u dawk imħallsa jista' jwassal ukoll għal diskriminazzjoni bejn it-trainees minħabba d-differenza fit-trattament tagħhom.

Or. en

Emenda 17

Proposta għal direttiva
Premessa 7d (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(7d) Il-Parlament Ewropew ikkundanna ripetutament il-prattika ta' traineeships mhux imħallsa bħala forma ta' sfruttament tal-ħaddiema żgħażagħ u ksur tad-drittijiet tagħhom u appella għal qafas legali komuni biex tkun żgurata remunerazzjoni ġusta għat-traineeships sabiex jiġu evitati prattiki ta' sfruttament[1m].
	1m Ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Frar 2022 dwar it-tisħiħ tal-pożizzjoni taż-żgħażagħ Ewropej: l-impjiegi u l-irkupru soċjali wara l-

pandemija (ĠU C 342, 6.9.2022, p. 265). Ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Ġunju 2023 li tinkludi rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar traineeships ta' kwalità fl-Unjoni (2020/2005(INL)).

Or. en

Emenda 18

Proposta għal direttiva
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) L-evidenza turi li proporzjon sinifikanti ta' trainees huma soġġetti għal kundizzjonijiet tax-xogħol inqas favorevoli meta mqabbla mal-impjegati regolari, inkluż fir-rigward tas-sigħat tax-xogħol, l-intitolamenti għal-liv, u l-aċċess għat-tagħmir kif ukoll il-paga.	***imħassar***

Or. en

Emenda 19

Proposta għal direttiva
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Fil-livell tal-Unjoni, l-istrumenti legali eżistenti jipprovdu qafas għall-protezzjoni tal-ħaddiema, inkluż id-direttivi dwar kundizzjonijiet tax-xogħol trasparenti u prevedibbli[5], pagi minimi adegwati[6], il-ħin tax-xogħol[7], is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol[8], l-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni[9], il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata għall-ġenituri u għall-persuni li jindukraw[10], l-informazzjoni u l-konsultazzjoni tal-impjegati[11], ix-xogħol	***imħassar***

għal żmien fiss[12], ix-xogħol part-time[13], l-istazzjonar tal-ħaddiema[14] u dwar ix-xogħol temporanju permezz ta' aġenzija[15]. Dan il-qafas legali japplika bis-sħiħ għat-trainees li għandhom kuntratt ta' impjieg jew relazzjoni ta' impjieg kif definit mil-liġi, mill-ftehimiet kollettivi jew mill-prattika fis-seħħ f'kull Stat Membru, fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. Il-qafas legali tal-Unjoni jinkludi wkoll rakkomandazzjonijiet dwar il-kwalità tat-traineeships[16] u l-apprendistati[17] u dwar l-aċċess għall-protezzjoni soċjali għall-ħaddiema u għall-persuni li jaħdmu għal rashom[18].

---

[5] Id-Direttiva (UE) 2019/1152 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar kondizzjonijiet tax-xogħol trasparenti u prevedibbli fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 186, 11.7.2019, p. 105).

[6] Id-Direttiva (UE) 2022/2041 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Ottubru 2022 dwar pagi minimi adegwati fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 275, 25.10.2022, p. 33).

[7] Id-Direttiva 2003/88/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Novembru 2003 li tikkonċerna ċerti aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol (ĠU L 299, 18.11.2003, p. 9).

[8] Id-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE tat-12 ta' Ġunju 1989 dwar l-introduzzjoni ta' miżuri sabiex jinkoraġġixxu titjib fis-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq ix-xogħol (ĠU L 183, 29.06.1989, p. 1).

[9] Fost oħrajn: Id-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE tas-27 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol (ĠU L 303, 2.12.2000, p. 16).

[10] Id-Direttiva (UE) 2019/1158 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata (ĠU L 188,

12.7.2019, p. 79).

[11] Id-Direttiva 2002/14/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2002 li tistabbilixxi qafas ġenerali dwar l-informazzjoni u l-konsultazzjoni ta' l-impjegati fil-Komunità Ewropea - Dikjarazzjoni konġunta tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni dwar ir-rappreżentanza tal-ħaddiema (ĠU L 80, 23.3.2002, p. 29).

[12] Id-Direttiva tal-Kunsill 1999/70/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 dwar il-ftehim qafas dwar xogħol għal żmien fiss konkluż mill-ETUC, mill-UNICE u miċ-CEEP (ĠU L 175, 10.7.1999, p. 43).

[13] Id-Direttiva tal-Kunsill 97/81/KE tal-15 ta' Diċembru 1997 li tikkonċerna il-Ftehim Qafas dwar ix-xogħol part-time konkluż mill- UNICE, miċ-CEEP u mill-ETUC – Anness: Il-ftehim qafas dwar xogħol part-time (ĠU L 14, 20.1.1998, p. 9).

[14] Id-Direttiva (UE) 2018/957 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Ġunju 2018 li temenda d-Direttiva 96/71/KE dwar l-istazzjonar ta' ħaddiema fil-qafas ta' prestazzjoni ta' servizzi (ĠU L 173, 9.7.2018, p. 16).

[15] Id-Direttiva 2008/104/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar xogħol temporanju permezz ta' aġenzija (ĠU L 327, 5.12.2008, p. 9).

[16] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2014 dwar Qafas tal-Kwalità għat-Traineeships (ĠU C 88, 27.3.2014, p. 1).

[17] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2018 dwar Qafas Ewropew għal Apprendistati ta' Kwalità u Effettivi (ĠU C 153, 2.5.2018, p. 1).

[18] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Novembru 2019 dwar l-aċċess għall-protezzjoni soċjali għall-ħaddiema u għall-persuni li jaħdmu għal rashom (ĠU

C 387, 15.11.2019, p. 1).

Or. en

Emenda 20

Proposta għal direttiva
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Il-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa[19] ressqet proposta biex jiġi żgurat li l-internships u l-impjiegi taż-żgħażagħ jaderixxu ma' standards ta' kwalità, inkluż dwar il-pagi u l-projbizzjoni ta' internships mhux imħallsa fis-suq tax-xogħol u barra mill-edukazzjoni formali.	***imħassar***
19 Rapport dwar l-eżitu finali – Mejju 2022.	

Or. en

Emenda 21

Proposta għal direttiva
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) Il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni skont l-Artikolu 225 tat-TFUE b'rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar traineeships ta' kwalità ***f'Ġunju 202320***. Fir-riżoluzzjoni tiegħu, huwa stieden lill-Kummissjoni "taġġorna u ssaħħaħ il-QFT tal-2014 u tittrasformah fi strument leġiżlattiv aktar b'saħħtu". ***Stieden ukoll lill-Kummissjoni tinkludi prinċipji addizzjonali f'qafas ta' kwalità aġġornat għat-traineeships. B'mod speċifiku, il-Parlament Ewropew talab lill-Kummissjoni "tipproponi direttiva***	(11) ***F'Ġunju 2023,*** il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni skont l-Artikolu 225 tat-TFUE b'rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar traineeships ta' kwalità***20***. Fir-riżoluzzjoni tiegħu, huwa stieden lill-Kummissjoni "taġġorna u ssaħħaħ il-QFT tal-2014 u tittrasformah fi strument leġiżlattiv aktar b'saħħtu".

dwar traineeships fis-suq tax-xogħol miftuħ, traineeships fil-kuntest ta' ALMPs u traineeships li huma parti obbligatorja mit-taħriġ professjonali, sabiex jiġu żgurati standards minimi tal-kwalità, inklużi regoli dwar it-tul tat-traineeships, l-aċċess għall-ħarsien soċjali f'konformità mal-liġi u l-prattika nazzjonali kif ukoll remunerazzjoni li tiżgura standard ta' għajxien deċenti sabiex jiġu evitati l-prattiki ta' sfruttament".

---

[20] ***Riżoluzzjoni*** tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Ġunju 2023 li tinkludi rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar traineeships ta' kwalità fl-Unjoni (2020/2005 (INL)).

---

[20] ***Ir-riżoluzzjoni*** tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Ġunju 2023 li tinkludi rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar traineeships ta' kwalità fl-Unjoni (2020/2005(INL)).

Or. en

Emenda 22

Proposta għal direttiva
Premessa 14a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(14a) Fil-ġurisprudenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja stabbiliet kriterji biex jiġi determinat l-istatus ta' ħaddiem. Fl-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva jenħtieġ li titqies l-interpretazzjoni ta' dawk il-kriterji min-naħa tal-Qorti tal-Ġustizzja[1n].
	1n Is-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-3 ta' Lulju 1986, Deborah Lawrie-Blum vs Land Baden-Württemberg, C-66/85, ECLI:EU:C:1986:284; tal-14 ta' Ottubru 2010, Union Syndicale Solidaires Isère vs Premier ministre u Oħrajn, C-428/09, ECLI:EU:C:2010:612; tad-9 ta' Lulju 2015, Ender Balkaya vs Kiesel Abbruch- und Recycling Technik GmbH, C-229/14,

ECLI:EU:C:2015:455; tal-4 ta' Diċembru 2014, FNV Kunsten Informatie en Media vs Staat der Nederlanden, C-413/13, ECLI:EU:C:2014:2411; u tas-17 ta' Novembru 2016, Betriebsrat der Ruhrlandklinik gGmbH vs Ruhrlandklinik gGmbH, C-216/15, ECLI:EU:C:2016:883.

Or. en

Emenda 23

Proposta għal direttiva
Premessa 14b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(14b) Id-direzzjoni, is-servizz personali, u t-twettiq ta' attivitajiet li huma reali u ġenwini bl-esklużjoni ta' attivitajiet fuq skala tant żgħira li jitqiesu bħala purament marġinali u anċillari, huma elementi essenzjali tad-definizzjoni ta' relazzjoni ta' impjieg fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja[1o].
	1o Is-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-3 ta' Lulju 1986, Deborah Lawrie-Blum vs Land Baden-Württemberg, Kawża C-228/07 Jörn Petersen v Landesgeschäftsstelle des Arbeitsmarktservice Niederösterreich [2008] ECR I-06989 paragrafu 45.

Or. en

Emenda 24

Proposta għal direttiva
Premessa 14c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(14c) Il-Qorti tal-Ġustizzja ripetutament iddeċidiet li l-kunċett ta' "ħaddiem", skont it-tifsira tal-Artikolu 45 TFUE, jestendi għal persuna li tkun qed tagħmel traineeship[1a]. Il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja applikat ir-rabta bejn l-impjiegi għall-erba' tipi ewlenin ta' traineeships: it-traineeships fis-suq tax-xogħol miftuħ[1b], dawk li huma obbligatorji għal professjoni[1c], dawk marbuta ma' politiki attivi tas-suq tax-xogħol[1d] u dawk li jagħmlu parti minn kwalifika akkademika jew vokazzjonali[1e].
	[1a] Il-Kawża C-485/20 XXXX vs HR Rail SA [2022] ECLI:EU:C:2022:85, para 31.
	[1b] Il-Kawża C-485/20 XXXX vs HR Rail SA [2022] ECLI:EU:C:2022:85;
	[1c] Il-Kawża C-66/85 Deborah Lawrie-Blum vs Land Baden-Württemberg [1986] ECR I-02121; Il-Kawża C-109/04 Karl Robert Kranemann vs Land Nordrhein-Westfalen [2005] ECR I-02421.
	[1d] Il-Kawża C-229/14 Ender Balkaya vs Kiesel Abbruch-und Recycling Technik GmbH [2015] ECLI:EU:C:2015:455
	[1e] Il-Kawża C-344/20 LF vs SCRL [2022] ECLI:EU:C:2022:77.
	Or. en

Emenda 25

Proposta għal direttiva
Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(15) Meta jitqiesu ***l-isfidi*** persistenti ***rigward l-użu problematiku tat-traineeships*** fl-Unjoni, hija meħtieġa aktar	(15) Meta jitqiesu ***l-prattiki abbużivi*** persistenti ***li jirriżultaw mill-użu ta' traineeships*** fl-Unjoni, hija meħtieġa aktar

azzjoni biex ***jiġu miġġielda r-relazzjonijiet ta' impjieg regolari li taparsi jkunu traineeships u biex*** jiġi żgurat li l-liġi rilevanti tal-Unjoni u nazzjonali applikabbli ***għall-ħaddiema*** tiġi implimentata u infurzata bis-sħiħ ***fir-rigward tat-trainees. Din id-Direttiva tindirizza dawn l-isfidi billi tistabbilixxi rekwiżiti minimi għat-titjib u l-infurzar tal-kundizzjonijiet tax-xogħol tat-trainees fl-Unjoni u għall-ġlieda kontra r-relazzjonijiet ta' impjieg li taparsi jkunu traineeships, billi tistabbilixxi qafas komuni ta' prinċipji u miżuri meħtieġa biex jiġi żgurat trattament ugwali u biex tiġi implimentata u infurzata l-liġi tal-Unjoni u dik nazzjonali applikabbli għall-ħaddiema b'mod aktar effettiv.***	azzjoni biex jiġi żgurat li l-liġi rilevanti tal-Unjoni u nazzjonali applikabbli ***għat-trainees*** tiġi implimentata u infurzata bis-sħiħ.

Or. en

Emenda 26

Proposta għal direttiva
Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(16) Din id-Direttiva ***jenħtieġ li tapplika għal trainees fl-Unjoni li għandhom kuntratt*** ta' ***impjieg jew relazzjoni*** ta' ***impjieg kif definit mil-liġi, mill-ftehimiet kollettivi jew mill-prattika fis-seħħ fl-Istati Membri, fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea***. ***Fil-ġurisprudenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja stabbiliet kriterji għad-determinazzjoni tal-istatus ta' ħaddiem, li għandu jkun ibbażat fuq analiżi każ b'każ.***	(16) Din id-Direttiva ***tistabbilixxi definizzjoni komuni ta' traineeships u qafas komuni għall-prevenzjoni*** ta' ***prattiki abbużivi li jirriżultaw mill-użu*** ta' ***traineeships għal finijiet barra mill-faċilitazzjoni tat-tranżizzjoni mill-edukazzjoni għal impjieg stabbli jew l-aċċess għal professjoni***. ***Id-Direttiva għaldaqstant tirregola l-kundizzjonijiet tax-xogħol*** ta' ***xogħol fil-livell tad-dħul li t-trainees iwettqu matul it-traineeship***.

Or. en

Emenda 27

Proposta għal direttiva
Premessa 16a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(16a) Din id-Direttiva tiddefinixxi t-traineeships bħala perjodu limitat ta' xogħol fil-livell tad-dħul bl-għan li jiġu pprovduti ħiliet prattiċi u professjonali permezz ta' taħriġ sinifikanti biex tiġi ffaċilitata t-tranżizzjoni għal impjieg stabbli jew l-aċċess għal professjoni, abbażi ta' kuntratt bil-miktub bejn it-trainee u l-fornitur tat-traineeships, li jitħallas f'konformità mad-Direttiva (UE) 2022/2041.

Or. en

Emenda 28

Proposta għal direttiva
Premessa 16b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(16b) Waħda mill-isfidi bir-regolament dwar it-traineeships hija n-nuqqas ta' ċarezza dwar x'inhu l-kunċett u l-iskop ta' traineeship skont id-dritt tal-Unjoni. Din id-Direttiva tindirizza dik l-isfida billi tipprovdi definizzjoni komuni tal-kunċett u l-iskop ta' traineeship.

Or. en

Emenda 29

Proposta għal direttiva
Premessa 16c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(16c) Din id-Direttiva tiżgura li l-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni skont l-Artikolu 21 tal-Karta kif ukoll id-Direttiva 2006/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1a], id-Direttiva tal-Kunsill 2000/43/KE[1b] u d-Direttiva 2000/78/KE, japplikaw għat-traineeships, fir-rigward tal-aċċess għat-traineeships u l-kundizzjonijiet tax-xogħol, inkluż il-paga. Hija tindirizza l-preokkupazzjonijiet dwar l-implikazzjonijiet diskriminatorji tat-traineeships u tippromwovi l-inklużività tat-traineeships.
	[1a] Id-Direttiva 2006/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' opportunitajiet indaqs u ta' trattament ugwali tal-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' impjiegi u xogħol (ĠU L 204, 26.7.2006, p. 23).
	[1b] Id-Direttiva tal-Kunsill 2000/43/KE tad-29 ta' Ġunju 2000 li timplimenta l-prinċipju tat-trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mill-oriġini tar-razza jew l-etniċità (ĠU L 180, 19.7.2000, p. 22).
	Or. en

Emenda 30

Proposta għal direttiva
Premessa 16d (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(16d) L-Istati Membri jenħtieġ li jippromwovu wkoll aċċess akbar għat-traineeships għal trainees minn sfondi vulnerabbli, inklużi dawk b'diżabilità, billi jiżguraw li l-postijiet tax-xogħol jiġu adattati biex ikunu aċċessibbli għat-

trainees b'diżabilità.

Or. en

Emenda 31

Proposta għal direttiva
Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) Il-programmi ta' tagħlim ibbażati fuq ix-xogħol li jaqgħu taħt id-definizzjoni ta' traineeship ivarjaw b'mod sinifikanti bejn l-Istati Membri. Għalhekk, l-apprendistati jistgħu jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva, sa fejn l-apprendisti jaqgħu taħt il-kunċett ta' "ħaddiem" kif definit mil-liġi, mill-ftehimiet kollettivi jew mill-prattiki fis-seħħ fl-Istati Membri, fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.	***imħassar***

Or. en

Emenda 32

Proposta għal direttiva
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) ***Il-Kapitolu III tad-Direttiva japplika għall-impjegati regolari li huma kklassifikati b'mod falz bħala trainees, jiġifieri meta l-impjegaturi jikklassifikaw relazzjoni ta' impjieg regolari jew bħala traineeship li mhijiex relazzjoni ta'*** impjieg***, jew bħala traineeship*** li ***tikkostitwixxi relazzjoni ta' impjieg, madankollu b'livell*** aktar ***baxx*** ta' ***paga jew*** kundizzjonijiet tax-xogħol ***oħra minn dawk li l-impjegati regolari jkunu intitolati*** għalihom skont ***il-liġi*** tal-Unjoni	(18) ***Din id-Direttiva tirrikjedi lill-Istati Membri jintroduċu miżuri effettivi biex jiġġieldu l-prattiki abbużivi li jirriżultaw mill-użu ta' traineeships għal skopijiet għajr l-iffaċilitar tat-tranżizzjoni mill-edukazzjoni għal*** impjieg ***stabbli, bl-effett*** li ***jingħataw livelli*** aktar ***baxxi*** ta' ***protezzjoni, inklużi*** kundizzjonijiet tax-xogħol ***u paga, milli t-trainee kkonċernat ikun intitolat*** għalihom skont ***id-dritt*** tal-Unjoni jew ***il-liġi***, il-ftehimiet kollettivi jew il-prattika ***nazzjonali***.

jew ***dik nazzjonali***, il-ftehimiet kollettivi jew il-prattika.

Or. en

Emenda 33

Proposta għal direttiva
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) It-traineeships li huma relazzjonijiet ta' impjieg jistgħu jiġu distinti minn relazzjonijiet ta' impjieg "regolari" peress li huma limitati fiż-żmien, jinkludu komponent sinifikanti ta' tagħlim u taħriġ u li jitwettqu sabiex tinkiseb esperjenza prattika u professjonali bl-għan li tittejjeb l-impjegabbiltà u tiġi ffaċilitata t-tranżizzjoni għall-impjieg jew l-aċċess għal professjoni.	***imħassar***

Or. en

Emenda 34

Proposta għal direttiva
Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(20) Il-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni huwa xieraq biex jiġu miġġielda l-abbużi tat-traineeships, bħall-għoti ta' kundizzjonijiet tax-xogħol inqas favorevoli jew paga aktar baxxa meta mqabbla mal-impjegati regolari mingħajr ġustifikazzjoni xierqa, u biex tiġi żgurata s-sostenibbiltà tat-traineeships bħala perkors lejn opportunitajiet ta' impjieg stabbli. Jista' jgħin ukoll biex l-apprendistati jsiru aktar aċċessibbli għal gruppi ta' ħaddiema f'sitwazzjoni	***imħassar***

vulnerabbli.

Or. en

Emenda 35

Proposta għal direttiva
Premessa 21

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(21) Huwa għalhekk meħtieġ li jiġi stabbilit il-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni għat-trainees li jenħtieġ li japplika flimkien mal-Klawżola 4 tal-Anness tad-Direttiva tal-Kunsill 1999/70/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 dwar il-ftehim qafas dwar xogħol għal żmien fiss konkluż mill-ETUC, mill-UNICE u miċ-CEEP, li tipprevedi li fir-rigward tal-kundizzjonijiet tal-impjieg, il-ħaddiema għal terminu fiss ma għandhomx jiġu ttrattati b'mod inqas favorevoli minn ħaddiema permanenti komparabbli biss minħabba li għandhom kuntratt jew relazzjoni għal terminu fiss sakemm trattament differenti ma jkunx ġustifikat fuq bażi oġġettiva. It-trainees li għandhom relazzjoni ta' impjieg huma skont id-definizzjoni "ħaddiema għal terminu fiss" skont it-tifsira ta' dik id-Direttiva. Madankollu, il-klawżola tagħha dwar il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni ma tippermettix li jsir paragun ma' ħaddiema oħra għal terminu fiss. Barra minn hekk, il-Klawżola 2(2) tal-Anness ta' dik id-Direttiva tippermetti lill-Istati Membri jeskludu ċerti tipi ta' ħaddiema mill-kamp ta' applikazzjoni tagħha, inklużi relazzjonijiet inizjali ta' taħriġ vokazzjonali u skemi ta' apprendistat jew kuntratti ta' impjieg u relazzjonijiet li ġew konklużi fi ħdan il-qafas ta' programm speċifiku pubbliku jew appoġġat pubblikament ta' taħriġ, integrazzjoni u taħriġ mill-ġdid vokazzjonali. Hija tonqos ukoll milli tirrikonoxxi l-pożizzjoni	***imħassar***

partikolarment vulnerabbli li jinsabu fiha t-trainees. Għalhekk huwa meħtieġ li jiġi ggarantit li l-prinċipju ta' trattament ugwali meta mqabbel mal-impjegati regolari japplika għat-trainees kollha li għandhom relazzjoni ta' impjieg.

Or. en

Emenda 36

Proposta għal direttiva
Premessa 22

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(22) L-Istati Membri għandhom għalhekk jiżguraw li, fir-rigward tal-kundizzjonijiet tax-xogħol inkluż il-paga, it-trainees ma jiġux ittrattati b'mod inqas favorevoli minn impjegati regolari komparabbli fl-istess stabbiliment, sakemm trattament differenti ma jkunx ġustifikat fuq bażi oġġettiva. Is-sempliċi fatt li wieħed ikun trainee ma jistax jikkostitwixxi raġuni għal trattament inqas favorevoli meta mqabbel mal-impjegati regolari fl-istess stabbiliment. Fl-istess ħin, kompiti differenti, responsabbiltajiet aktar baxxi jew intensità tax-xogħol meta mqabbla ma' impjegati regolari komparabbli jistgħu jikkostitwixxu raġunijiet oġġettivi għal trattament differenti, fejn rilevanti, fir-rigward tal-kundizzjoni tal-impjieg inkwistjoni. Madankollu, il-firxa ta' trattament differenti jenħtieġ li tkun proporzjonata għal dawk ir-raġunijiet.	***imħassar***

Or. en

Emenda 37

Proposta għal direttiva
Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(23) L-applikazzjoni tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni teħtieġ l-identifikazzjoni ta' impjegat regolari komparabbli involut fl-istess tip ta' xogħol jew okkupazzjoni jew simili għat-trainee, b'kunsiderazzjoni xierqa għall-kwalifiki u l-ħiliet.	***imħassar***

Or. en

Emenda 38

Proposta għal direttiva
Premessa 24

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(24) L-Istati Membri jenħtieġ li jkollhom fis-seħħ miżuri xierqa biex jiġġieldu r-relazzjonijiet ta' impjieg regolari li taparsi jkunu traineeships bl-effett li jingħataw livelli aktar baxxi ta' protezzjoni, inklużi kundizzjonijiet tax-xogħol u paga, minn dawk li l-ħaddiem ikkonċernat ikun intitolat għalihom skont il-liġi, il-ftehimiet kollettivi jew il-prattika tal-Unjoni jew nazzjonali.	***imħassar***

Or. en

Emenda 39

Proposta għal direttiva
Premessa 25

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(25) Huwa meħtieġ li jiġu żgurati kontrolli u spezzjonijiet effettivi mwettqa mill-awtoritajiet kompetenti peress li huma essenzjali biex jiġu protetti d-drittijiet tat-trainees u biex jiġu miġġielda ***r-***	(25) Huwa meħtieġ li jiġu żgurati kontrolli u spezzjonijiet effettivi mwettqa mill-awtoritajiet kompetenti peress li huma essenzjali biex jiġu protetti d-drittijiet tat-trainees u biex jiġu miġġielda ***l-prattiki***

relazzjonijiet ta' impjieg regolari li taparsi jkunu traineeships. Jenħtieġ li dawn ikunu mmirati biex tiġi evitata s-sostituzzjoni ta' impjieg ***regolari*** bi traineeships ***moħbija*** u biex jiġu protetti d-drittijiet ***tal-ħaddiema***.	***abbużivi li jirriżultaw mill-użu ta' traineeships***. Jenħtieġ li dawn ikunu mmirati biex tiġi evitata s-sostituzzjoni ta' impjieg ***stabbli*** bi traineeships ***ripetuti*** u biex jiġu protetti d-drittijiet ***tat-trainees***.

Or. en

Emenda 40

Proposta għal direttiva
Premessa 26

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(26) ***Il-valutazzjoni dwar jekk relazzjoni ta' impjieg regolari hijiex taparsi traineeship jenħtieġ li tkun ibbażata fuq iċ-ċirkostanzi fattwali u mhux fuq il-ħatra formali tar-relazzjoni kuntrattwali. Sabiex jiġi ddeterminat jekk relazzjoni ta' impjieg regolari hijiex taparsi traineeship***, l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jwettqu valutazzjoni ġenerali tal-fatti rilevanti kollha. Sabiex tiġi ffaċilitata l-valutazzjoni għall-awtoritajiet kompetenti, ***jenħtieġ li jiġu stabbiliti*** elementi ***ewlenin li jippermettu*** li ***ssir distinzjoni bejn relazzjoni*** ta' ***impjieg regolari u traineeship moħbija***. Il-valutazzjoni ta' dawk l-elementi jenħtieġ li titwettaq fuq bażi ta' każ b'każ, filwaqt li jitqiesu ċ-ċirkostanzi ta' kull każ speċifiku. ***Għalhekk, l-elementi msemmija huma indikattivi u mhux eżawrjenti u mingħajr il-ħtieġa li jintlaħaq limitu speċifiku.***	(26) ***Sabiex jiġu identifikati l-prattiki abbużivi*** li ***jirriżultaw mill-użu ta' traineeships***, l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jwettqu valutazzjoni ġenerali tal-fatti rilevanti kollha. Sabiex tiġi ffaċilitata l-valutazzjoni għall-awtoritajiet kompetenti, ***din id-Direttiva tistabbilixxi diversi*** elementi ***fattwali u ċirkostanzjali*** li ***jenħtieġ li jkunu rilevanti fl-identifikazzjoni*** ta' ***prattiki abbużivi li jirriżultaw mill-użu ta' traineeships***. Il-valutazzjoni ta' dawk l-elementi jenħtieġ li titwettaq fuq bażi ta' każ b'każ, filwaqt li jitqiesu ċ-ċirkostanzi ta' kull każ speċifiku.

Or. en

Emenda 41

Proposta għal direttiva
Premessa 27

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(27) Ir-rekwiżit ta' esperjenza ta' xogħol preċedenti għal traineeship fl-istess qasam ta' attività jew f'qasam simili ta' attività mhux bilfors jindika relazzjoni ta' impjieg regolari li taparsi tkun traineeship jekk l-impjegatur jipprovdi ġustifikazzjoni bħal perjodu ekwivalenti ta' esperjenzi ta' xogħol preċedenti bħala alternattiva għal lawrja f'ċertu qasam ta' attività jew għarfien espert.	***imħassar***

Or. en

Emenda 42

Proposta għal direttiva
Premessa 28

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(28) Meta l-awtoritajiet kompetenti jwettqu l-analiżi tagħhom tal-fatti rilevanti biex jiddeterminaw ***teżistix relazzjoni ta' impjieg regolari*** li ***taparsi tkun traineeship***, l-informazzjoni meħtieġa biex titwettaq din l-analiżi mhux dejjem tkun faċilment aċċessibbli għalihom. Sabiex l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jwettqu l-kompiti tagħhom, l-impjegaturi jenħtieġ li jkunu obbligati ***jipprovdulhom*** l-informazzjoni meħtieġa li tinsab fil-kontroll tagħhom ***fuq talba tal-awtoritajiet kompetenti***.	(28) Meta l-awtoritajiet kompetenti jwettqu l-analiżi tagħhom tal-fatti rilevanti biex jiddeterminaw ***jekk jeżistux prattiki abbużivi*** li ***jirriżultaw mill-użu ta' traineeships***, l-informazzjoni meħtieġa biex titwettaq din l-analiżi mhux dejjem tkun faċilment aċċessibbli għalihom. Sabiex l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jwettqu l-kompiti tagħhom, l-impjegaturi jenħtieġ li jkunu obbligati ***jipprovdu lil dawn l-awtoritajiet*** l-informazzjoni meħtieġa li tinsab fil-kontroll tagħhom.

Or. en

Emenda 43

Proposta għal direttiva
Premessa 29

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(29) L-Istati Membri jenħtieġ li jkollhom miżuri xierqa fis-seħħ biex jiffaċilitaw ***il-valutazzjoni*** ta' ***jekk allegata traineeship ġenwinament tikkostitwixxix traineeship***. Dan jenħtieġ li jinkludi limitu ta' żmien li jindika durata eċċessiva ta' traineeship u ta' traineeships ripetuti, inklużi konsekuttivi, mal-istess impjegatur. Fil-prinċipju, durata massima raġonevoli ta' traineeships jenħtieġ li ma taqbiżx is-sitt xhur, kif stipulat fir-Rakkomandazzjoni tal-2014. Madankollu, l-Istati Membri jistgħu jipprevedu li durata itwal tkun ġustifikata jekk tkun ibbażata fuq raġunijiet oġġettivi. Eżempji ta' eċċezzjonijiet bħal dawn jistgħu jkunu traineeships li t-tlestija tagħhom hija rekwiżit obbligatorju għall-aċċess għal professjoni speċifika, li t-trajettorja tagħha biex jinkisbu l-għarfien, il-kompetenzi u l-esperjenza meħtieġa teħtieġ esperjenza ta' traineeship itwal. Ċerti traineeships li huma parti minn politiki attivi tas-suq tax-xogħol immirati lejn l-integrazzjoni ta' persuni f'sitwazzjoni vulnerabbli jistgħu jibbenefikaw ukoll minn durata itwal. Xi traineeships li huma parti mill-kurrikuli tal-edukazzjoni formali jew tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali jista' jkollhom durata itwal għal raġunijiet marbuta mal-kurrikuli.	(29) L-Istati Membri jenħtieġ li jkollhom miżuri xierqa fis-seħħ biex jiffaċilitaw ***l-identifikazzjoni*** ta' ***prattiki abbużivi li jirriżultaw mill-użu ta' traineeships***. Dan jenħtieġ li jinkludi limitu ta' żmien li jindika durata eċċessiva ta' traineeship u ta' traineeships ripetuti, inklużi konsekuttivi, mal-istess impjegatur. Fil-prinċipju, durata massima raġonevoli ta' traineeships jenħtieġ li ma taqbiżx is-sitt xhur, kif stipulat fir-Rakkomandazzjoni tal-2014. Madankollu, l-Istati Membri jistgħu jipprevedu li durata itwal ***tista'*** tkun ġustifikata jekk tkun ibbażata fuq raġunijiet oġġettivi ***li jippromwovu l-għanijiet ta' traineeship***. Eżempji ta' eċċezzjonijiet bħal dawn jistgħu jkunu traineeships li t-tlestija tagħhom hija rekwiżit obbligatorju għall-aċċess għal professjoni speċifika, li t-trajettorja tagħha biex jinkisbu l-għarfien, il-kompetenzi u l-esperjenza meħtieġa teħtieġ esperjenza ta' traineeship itwal. Ċerti traineeships li huma parti minn politiki attivi tas-suq tax-xogħol immirati lejn l-integrazzjoni ta' persuni f'sitwazzjoni vulnerabbli jistgħu jibbenefikaw ukoll minn durata itwal. Xi traineeships li huma parti mill-kurrikuli tal-edukazzjoni formali jew tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali jista' jkollhom durata itwal għal raġunijiet marbuta mal-kurrikuli.

Or. en

Emenda 44

Proposta għal direttiva
Premessa 30

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-obbligu għall-impjegaturi li jinkludu informazzjoni dwar il-kompiti mistennija, il-kundizzjonijiet tax-xogħol,	(30) L-obbligu għall-impjegaturi li ***fl-avviżi ta' postijiet battala u fir-reklami*** jinkludu informazzjoni dwar il-kompiti

inklużi l-paga, il-protezzjoni soċjali***,*** l-elementi ta' ***tagħlim u*** taħriġ ***fl-avviżi*** ta' ***postijiet battala u r-reklami għat-traineeships*** jista' jiġi ssodisfat billi ***tiġi inkluża*** link għal sit web li jkun fih din l-informazzjoni.	mistennija, il-kundizzjonijiet tax-xogħol, inklużi l-paga, il-protezzjoni soċjali ***u*** l-elementi ta' taħriġ***, kif ukoll il-possibbiltajiet*** ta' ***reklutaġġ wara t-tlestija tat-traineeship,*** jista' jiġi ssodisfat billi ***jiġi pprovdut*** link għal sit web li jkun fih din l-informazzjoni.
	Or. en

Emenda 45

Proposta għal direttiva
Premessa 31

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(31) Minbarra din id-Direttiva, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw l-implimentazzjoni u l-infurzar sħaħ tad-drittijiet minquxa fl-acquis tal-Unjoni applikabbli għat-trainees li għandhom relazzjoni ta' impjieg.	***imħassar***
	Or. en

Emenda 46

Proposta għal direttiva
Premessa 32

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(32) Ġiet żviluppata sistema estensiva ta' dispożizzjonijiet ta' infurzar għall-acquis soċjali fl-Unjoni fi strumenti legali reċenti, bħad-Direttiva (UE) 2019/1152 u d-Direttiva (UE) 2023/970***21***. Tali dispożizzjonijiet jenħtieġ li jiġu inklużi f'din id-Direttiva biex jgħinu jiżguraw l-infurzar u d-difiża effettivi tad-drittijiet tat-trainees li jirriżultaw minn din id-Direttiva u minn liġi oħra tal-Unjoni ***applikabbli għall-ħaddiema.***	(32) Ġiet żviluppata sistema estensiva ta' dispożizzjonijiet ta' infurzar għall-acquis soċjali fl-Unjoni fi strumenti legali reċenti, bħad-Direttiva (UE) 2019/1152 u d-Direttiva (UE) 2023/970. Tali dispożizzjonijiet jenħtieġ li jiġu inklużi f'din id-Direttiva biex jgħinu jiżguraw l-infurzar u d-difiża effettivi tad-drittijiet tat-trainees li jirriżultaw minn din id-Direttiva u minn liġi oħra tal-Unjoni***.***

[21] Id-Direttiva (UE) 2023/970 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Mejju 2023 li ssaħħaħ l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' paga ugwali għal xogħol ugwali jew xogħol ta' valur ugwali bejn l-irġiel u n-nisa permezz ta' trasparenza fil-pagi u mekkaniżmi ta' infurzar**,** ĠU L 132, 17.5.2023, p. 21.

[21] Id-Direttiva (UE) 2023/970 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Mejju 2023 li ssaħħaħ l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' paga ugwali għal xogħol ugwali jew xogħol ta' valur ugwali bejn l-irġiel u n-nisa permezz ta' trasparenza fil-pagi u mekkaniżmi ta' infurzar ***(***ĠU L 132, 17.5.2023, p. 21***)***.

Or. en

Emenda 47

Proposta għal direttiva
Premessa 33

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(33) It-trainees jenħtieġ li jkollhom aċċess għal soluzzjoni tat-tilwim effettiva u imparzjali u dritt għal rimedju, inkluż kumpens adegwat. It-trainees jenħtieġ li jiġu infurmati dwar il-mekkaniżmi ta' rimedju għall-fini li jeżerċitaw id-dritt tagħhom għal rimedju. B'kunsiderazzjoni għan-natura fundamentali tad-dritt għal protezzjoni legali effettiva, it-trainees jenħtieġ li jkomplu jgawdu minn tali protezzjoni anke wara t-tmiem tat-traineeship li jwassal għal allegat ksur tad-drittijiet skont din id-Direttiva u liġi rilevanti oħra tal-Unjoni ***applikabbli għall-ħaddiema***.	(33) It-trainees jenħtieġ li jkollhom aċċess għal soluzzjoni tat-tilwim effettiva u imparzjali u dritt għal rimedju, inkluż kumpens adegwat. It-trainees jenħtieġ li jiġu infurmati dwar il-mekkaniżmi ta' rimedju għall-fini li jeżerċitaw id-dritt tagħhom għal rimedju. B'kunsiderazzjoni għan-natura fundamentali tad-dritt għal protezzjoni legali effettiva, it-trainees jenħtieġ li jkomplu jgawdu minn tali protezzjoni anke wara t-tmiem tat-traineeship li jwassal għal allegat ksur tad-drittijiet skont din id-Direttiva u liġi rilevanti oħra tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 48

Proposta għal direttiva
Premessa 34

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(34) Sabiex jiġi pprovdut livell aktar	(34) Sabiex jiġi pprovdut livell aktar

effettiv ta’ protezzjoni tat-trainees, ir-rappreżentanti tal-ħaddiema jenħtieġ li jkunu jistgħu jinvolvu ruħhom fi proċedimenti sabiex jiddefendu kwalunkwe dritt jew obbligu li jirriżulta minn din id-Direttiva jew minn liġi oħra tal-Unjoni ***applikabbli għall-ħaddiema*** f’isem jew b’appoġġ għal trainee wieħed jew aktar.	effettiv ta’ protezzjoni tat-trainees, ir-rappreżentanti tal-ħaddiema jenħtieġ li jkunu jistgħu jinvolvu ruħhom fi proċedimenti sabiex jiddefendu kwalunkwe dritt jew obbligu li jirriżulta minn din id-Direttiva jew minn liġi oħra tal-Unjoni f’isem jew b’appoġġ għal trainee wieħed jew aktar.
	Or. en

Emenda 49

Proposta għal direttiva
Premessa 35

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(35) It-trainees jenħtieġ li jingħataw protezzjoni ġudizzjarja u amministrattiva adegwata kontra kwalunkwe trattament negattiv ***u*** konsegwenza b’reazzjoni għal kwalunkwe lment imressaq ***lill-impjegatur*** jew li jirriżulta minn kwalunkwe proċediment mibdi bl-għan li tiġi infurzata l-konformità mad-drittijiet previsti f’din id-Direttiva jew f’liġi oħra tal-Unjoni ***applikabbli għall-ħaddiema***. B’mod partikolari, it-trainees jenħtieġ li jkunu protetti mis-sensja jew l-ekwivalenti tagħha u t-tħejjijiet kollha għas-sensja jew l-ekwivalenti tagħha għall-eżerċitar tad-drittijiet previsti f’din id-Direttiva jew f’liġi oħra tal-Unjoni applikabbli għall-ħaddiema.	(35) It-trainees jenħtieġ li jingħataw protezzjoni ġudizzjarja u amministrattiva adegwata kontra kwalunkwe trattament negattiv ***jew*** konsegwenza b’reazzjoni għal kwalunkwe lment imressaq ***lill-fornitur tat-traineeships*** jew li jirriżulta minn kwalunkwe proċediment mibdi bl-għan li tiġi infurzata l-konformità mad-drittijiet previsti f’din id-Direttiva jew f’liġi oħra tal-Unjoni. B’mod partikolari, it-trainees jenħtieġ li jkunu protetti mis-sensja jew l-ekwivalenti tagħha***, bħad-deċiżjoni li ma jiġix propost impjieg futur għand il-fornitur tat-traineeships,*** u t-tħejjijiet kollha għas-sensja jew l-ekwivalenti tagħha għall-eżerċitar tad-drittijiet previsti f’din id-Direttiva jew f’liġi oħra tal-Unjoni applikabbli għall-ħaddiema.
	Or. en

Emenda 50

Proposta għal direttiva
Premessa 38

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(38) Peress li l-objettivi ta' din id-Direttiva, jiġifieri li jiġu infurzati l-kundizzjonijiet tax-xogħol tat-trainees u li jiġu miġġielda ***r-relazzjonijiet regolari ta' impjieg*** li ***taparsi jkunu*** traineeships, ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri, iżda jistgħu, minħabba l-iskala u l-effetti tagħhom, jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-TUE. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħqu dawk l-objettivi.	(38) Peress li l-objettivi ta' din id-Direttiva, jiġifieri li ***tiġi pprovduta definizzjoni komuni ta' traineeships, li*** jiġu infurzati l-kundizzjonijiet tax-xogħol tat-trainees u li jiġu miġġielda ***l-prattiki abbużivi*** li ***jirriżultaw mill-użu ta'*** traineeships, ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri, iżda jistgħu, minħabba l-iskala u l-effetti tagħhom, jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-TUE. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħqu dawk l-objettivi.

Or. en

Emenda 51

Proposta għal direttiva
Premessa 39a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(39a) Huwa aktar importanti minn qatt qabel li jsir sforz għal suq intern b'kundizzjonijiet ekwi mingħajr dumping soċjali u b'rispett għad-drittijiet soċjali u tal-impjiegi. L-Unjoni tappoġġa lill-Istati Membri fl-isforzi tagħhom għan-negozjar kollettiv u l-libertà tagħhom li jżommu, jikkonkludu u jinfurzaw ftehimiet kollettivi meta dawn ikunu għodda aħjar għall-implimentazzjoni u l-ikkomplementar tal-inizjattivi leġiżlattivi tal-Unjoni, fid-dawl tal-prattiki u l-oqfsa nazzjonali. F'dak ir-rigward, huwa kruċjali li tiġi rikonoxxuta l-importanza tas-sħab soċjali u d-dritt tagħhom li jinnegozjaw kollettivament.

Or. en

Emenda 52

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Din id-Direttiva tistabbilixxi ***qafas*** komuni ta' prinċipji u miżuri għat-titjib u l-infurzar tal-kundizzjonijiet tax-xogħol tat-trainees u ***għall-ġlieda kontra r-relazzjonijiet regolari ta' impjieg li taparsi jkunu*** traineeships.	Din id-Direttiva tistabbilixxi ***definizzjoni*** komuni ***ta' traineeships u tistabbilixxi qafas*** ta' prinċipji u miżuri għat-titjib u l-infurzar tal-kundizzjonijiet tax-xogħol tat-trainees u ***għall-prevenzjoni ta' prattiki abbużivi li jirriżultaw mill-użu ta'*** traineeships.

Or. en

Emenda 53

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) "traineeship" tfisser perjodu limitat ta' ***prattika tax-xogħol*** li ***jinkludi komponent sinifikanti ta' tagħlim u taħriġ, imwettaq biex tinkiseb esperjenza prattika*** u professjonali bil-ħsieb li ***tittejjeb l-impjegabbiltà u*** tiġi ffaċilitata t-tranżizzjoni ***għal relazzjoni ta' impjieg regolari*** jew l-aċċess għal professjoni;	(a) "traineeship" tfisser ***(i)*** perjodu limitat ta' ***xogħol fil-livell tad-dħul bl-għan*** li ***jiġu pprovduti ħiliet prattiċi*** u professjonali ***permezz ta' taħriġ sinifikanti,*** bil-ħsieb li tiġi ffaċilitata t-tranżizzjoni ***mill-edukazzjoni għal impjieg stabbli,*** jew l-aċċess għal professjoni, ***abbażi ta' kuntratt bil-miktub bejn it-trainee u l-fornitur tat-traineeships,*** ***li jitħallas skont id-Direttiva (UE) 2022/2041;***

Or. en

Emenda 54

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) "trainee" tfisser kwalunkwe persuna li twettaq traineeship ***li jkollha kuntratt ta' impjieg jew relazzjoni ta' impjieg kif definit mil-liġi, mill-ftehimiet kollettivi jew mill-prattika fis-seħħ f'kull Stat Membru fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja***;	(b) "trainee" tfisser kwalunkwe persuna li twettaq traineeship;

Or. en

Emenda 55

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) "fornitur tat-traineeships" tfisser impriża li tkun privata, pubblika jew it-tnejn li huma u li tipprovdi traineeships.

Or. en

Emenda 56

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) "relazzjoni ta' impjieg regolari" tfisser kwalunkwe relazzjoni ta' impjieg li mhijiex traineeship;	***imħassar***

Or. en

Emenda 57

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) "impjegat regolari" tfisser kwalunkwe persuna f'relazzjoni ta' impjieg regolari.	***imħassar***

Or. en

Emenda 58

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fir-rigward tal-kundizzjonijiet tax-xogħol inkluż il-paga, it-trainees ma jiġux ittrattati b'mod inqas favorevoli minn impjegati regolari komparabbli fl-istess stabbiliment, sakemm trattament differenti ma jkunx ġustifikat fuq bażi oġġettiva, bħal kompiti differenti, responsabbiltajiet aktar baxxi, intensità tax-xogħol jew il-piż tal-komponent tat-tagħlim u t-taħriġ.	***imħassar***

Or. en

Emenda 59

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 - paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fir-rigward tal-aċċess għat-traineeships u l-kundizzjonijiet tax-xogħol, inkluża l-paga, it-traineeships jikkonformaw mal-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni, kif stipulat fid-Direttivi 2000/43/KE, 2000/78/KE u 2006/54/KE.

Or. en

Emenda 60

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-Istati Membri għandhom jippromwovu aċċess akbar għat-traineeships għal trainees minn sfondi vulnerabbli, fosthom trainees b'diżabilità.

Or. en

Emenda 61

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-postijiet tax-xogħol ikunu adattati biex ikunu aċċessibbli għal trainees b'diżabilità.

Or. en

Emenda 62

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta ma jkun hemm l-ebda impjegat regolari komparabbli fl-istess stabbiliment, il-paragun għandu jsir b'referenza għall-ftehim kollettiv applikabbli, jew fejn ma jkun hemm l-ebda ftehim kollettiv applikabbli, skont il-liġi jew il-prattika nazzjonali.	***imħassar***

Or. en

Emenda 63

Proposta għal direttiva
Kapitolu III – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
III ***Il-ġlieda*** kontra ***r-relazzjonijiet ta' impjieg regolari*** li ***taparsi jkunu*** traineeships	III ***Miżuri għall-ġlieda*** kontra ***prattiki abbużivi*** li ***jirriżultaw mill-użu ta'*** traineeships

Or. en

Emenda 64

Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Miżuri għall-ġlieda kontra ***r-relazzjonijiet ta' impjieg regolari li taparsi jkunu traineeships***	Miżuri għall-ġlieda kontra ***l-prattiki abbużivi***

Or. en

Emenda 65

Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jipprevedu kontrolli u spezzjonijiet effettivi mwettqa mill-awtoritajiet kompetenti biex jidentifikaw u jieħdu miżuri ta' infurzar kontra prattiki ***meta relazzjoni*** ta' impjieg ***regolari taparsi tkun traineeship*** bl-effett li jingħataw livelli aktar baxxi ta' protezzjoni, inklużi kundizzjonijiet tax-xogħol u paga, minn dawk li ***l-ħaddiem ikkonċernat*** ikun intitolat għalihom skont il-liġi, il-ftehimiet kollettivi jew il-prattika ***tal-Unjoni jew*** nazzjonali.	L-Istati Membri għandhom jipprevedu kontrolli u spezzjonijiet effettivi mwettqa mill-awtoritajiet kompetenti biex jidentifikaw u jieħdu miżuri ta' infurzar kontra prattiki ***abbużivi li jirriżultaw mill-użu*** ta' ***traineeships għal skopijiet għajr l-iffaċilitar tat-tranżizzjoni mill-edukazzjoni għal*** impjieg ***stabbli, jew l-aċċess għal professjoni,*** bl-effett li jingħataw livelli aktar baxxi ta' protezzjoni, inklużi kundizzjonijiet tax-xogħol u paga, minn dawk li ***t-trainee kkonċernat*** ikun intitolat għalihom skont ***id-dritt tal-Unjoni jew*** il-liġi, il-ftehimiet kollettivi jew il-prattika nazzjonali.

Or. en

Emenda 66

Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Valutazzjoni ta' ***relazzjonijiet regolari ta' impjieg li taparsi jkunu traineeships***	Valutazzjoni ta' ***prattiki abbużivi***

Or. en

Emenda 67

Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Sabiex ***jiġi ddeterminat jekk***	1. Sabiex ***jiġu identifikati prattiki***

allegat traineeship jikkostitwixxix relazzjoni ta' ***impjieg regolari***, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħmlu valutazzjoni ġenerali tal-elementi fattwali rilevanti kollha. ***Dik il-valutazzjoni għandha tqis, fost l-oħrajn***, ***l-elementi indikattivi li ġejjin***:	***abbużivi li jirriżultaw mill-użu*** ta' ***traineeships***, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħmlu valutazzjoni ġenerali tal-elementi fattwali rilevanti kollha. ***Sabiex jiġi ddeterminat jekk hemmx prattika abbużiva***, ***l-evalwazzjoni għandha tkun ibbażata fuq***:

Or. en

Emenda 68

Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) in-nuqqas ta' ***komponent sinifikanti ta' tagħlim jew taħriġ fl-allegat traineeship***;	(a) in-nuqqas ta' ***kuntratt bil-miktub bejn it-trainee u l-fornitur tat-traineeships***;

Or. en

Emenda 69

Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 1– punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) ***id-durata eċċessiva tal-allegat traineeship jew traineeships multipli u/jew konsekuttivi mal-istess impjegatur mill-istess persuna;***	(b) ***in-nuqqas ta' komponent ta' taħriġ, indikat min-nuqqas tal-elementi li ġejjin:***
	(i) programm ta' taħriġ ċar għat-traineeship li jistabbilixxi l-ħiliet, l-għarfien u l-kompetenzi li għandhom jiġu żviluppati matul it-traineeship, l-objettivi ta' tagħlim tat-traineeship, u l-assenjazzjoni ta' kompiti u opportunitajiet ta' taħriġ li se jiffaċilitaw dawk il-ħiliet u l-objettivi;
	(ii) superviżur u/jew mentor maħtur għall-perjodu tat-traineeship;

	(iii) l-għoti ta' taħriġ iddedikat, feedback u sessjonijiet ta' appoġġ matul it-traineeship;
	(iv) gwida u sorveljanza tat-trainee fit-twettiq tal-kompiti stabbiliti;
	(v) rabta ċara bejn il-ħiliet li jkunu qed jiġu mgħallma matul it-traineeship u l-kompiti stabbiliti.

Or. en

Emenda 70

Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) ***livelli ekwivalenti*** ta' ***kompiti, responsabbiltajiet u intensità tax-xogħol għall-allegati trainees u impjegati regolari f'pożizzjonijiet komparabbli mal-istess impjegatur***;	(c) ***id-durata eċċessiva*** ta' ***traineeship***;

Or. en

Emenda 71

Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) ***ir-rekwiżit ta' esperjenza ta' xogħol preċedenti għal kandidati għal traineeships fl-istess qasam*** ta' ***attività jew f'qasam ta' attività simili mingħajr ġustifikazzjoni xierqa***;	(d) ***in-nuqqas*** ta' ***remunerazzjoni mogħtija f'konformità mad-Direttiva (UE) 2022/2041***;

Or. en

Emenda 72

Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) ***proporzjon għoli ta' allegati traineeships meta mqabbla ma' relazzjonijiet regolari ta' impjieg mal-istess impjegatur***;	(e) ***ir-rekwiżit li l-kandidati jkollhom esperjenza ta' xogħol preċedenti qabel ma jibdew it-traineeship***;

Or. en

Emenda 73

Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) ***għadd sinifikanti*** ta' ***allegati trainees mal-istess impjegatur li kienu temmew żewġ traineeships jew aktar jew kellhom relazzjonijiet*** ta' ***impjieg regolari fl-istess qasam ta' attività jew f'qasam ta' attività simili, qabel ma bdew l-allegat traineeship.***	(f) ***in-nuqqas*** ta' ***avviż*** ta' ***post battal pubbliku għat-traineeship li jiddeskrivi l-informazzjoni li ġejja:***
	(i) il-kompiti previsti u l-livell ta' responsabbiltà meħtieġa mit-trainee;
	(ii) id-drittijiet u l-intitolamenti tat-trainee, inklużi l-paga, il-protezzjoni soċjali, il-liv minħabba mard, u l-intitolamenti għall-ħin tax-xogħol;
	(iii) l-għoti ta' taħriġ u l-ħiliet li għandhom jinkisbu.

Or. en

Emenda 74

Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt fa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(fa) in-nuqqas ta' politika ta' reklutaġġ trasparenti għall-forniment ta' impjieg stabbli mat-tlestija tat-traineeship.

Or. en

Emenda 75

Proposta għal direttiva
Artikolu 5 - paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Barra minn hekk, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw ukoll fatturi ċirkostanzjali li huma esterni għar-relazzjoni ta' traineeship innifisha meta jiddeterminaw jekk hemmx prattiki abbużivi li jirriżultaw mill-użu ta' traineeships. Il-valutazzjoni għandha tqis, fost l-oħrajn, il-fatturi li ġejjin:
	(a) il-proporzjon għoli ta' traineeships meta mqabbel mad-daqs tal-istabbiliment;
	(b) ir-reklutaġġ ta' trainees li diġà lestew traineeship fl-istess qasam ta' attività jew f'qasam simili;
	(c) l-estensjoni ripetuta tad-durata tat-traineeships mingħajr ma tiġi offruta l-possibbiltà ta' progressjoni fi ħdan l-istabbiliment;
	(d) is-sostituzzjoni ta' pożizzjonijiet permanenti b'reklami konsekuttivi ta' postijiet vakanti ta' traineeships.

Or. en

Emenda 76

Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Sabiex l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jwettqu l-valutazzjoni msemmija ***fil-paragrafu*** 1***, l-impjegatur għandu***, ***fuq talba, jipprovdi*** lil dawk l-awtoritajiet bl-informazzjoni li ġejja:	2. Sabiex l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jwettqu l-valutazzjoni msemmija ***fil-paragrafi*** 1 ***u 2***, ***l-Istati Membri għandhom jirrikjedu lill-fornituri tat-traineeships jipprovdu*** lil dawk l-awtoritajiet bl-informazzjoni li ġejja:

Or. en

Emenda 77

Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-għadd ta' ***traineeships*** u ***relazzjonijiet*** ta' ***impjieg regolari***	(a) l-għadd ta' ***trainees*** u ***tipi oħra*** ta' ***ħaddiema;***

Or. en

Emenda 78

Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) il-kundizzjonijiet tax-xogħol, inklużi l-paga, il-kompiti u r-responsabbiltajiet ***tal-allegati trainees*** u ta' ***impjegati regolari*** f'pożizzjonijiet komparabbli;	(c) il-kundizzjonijiet tax-xogħol, inklużi l-paga, il-kompiti u r-responsabbiltajiet ***tat-traineeships*** u ta' ***tipi oħra ta' ħaddiema*** f'pożizzjonijiet komparabbli;

Or. en

Emenda 79

Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) id-deskrizzjonijiet tal-komponenti ***tat-tagħlim u t-taħriġ*** tat-traineeships;	(d) id-deskrizzjonijiet tal-komponenti ***tat-taħriġ*** tat-traineeships;

Or. en

Emenda 80

Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Biex jiffaċilitaw il-valutazzjoni msemmija ***fil-paragrafu*** 1, l-Istati Membri għandhom:	Biex jiffaċilitaw il-valutazzjoni msemmija ***fil-paragrafi*** 1 ***u 2***, l-Istati Membri għandhom:

Or. en

Emenda 81

Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) jiddefinixxu ***limitu ta' żmien*** li ***jindika durata eċċessiva*** ta' ***traineeship u*** ta' ***traineeships ripetuti, inklużi konsekuttivi, mal-istess impjegatur***;	(a) jiddefinixxu ***d-durata massima tat-traineeship*** li ***għandha tkun*** ta' ***sitt xhur; madankollu, l-Istati Membri jistgħu jipprevedu eċċezzjonijiet għal-limitu*** ta' ***żmien meta durata itwal tkun ġustifikata għal raġunijiet oġġettivi***;

Or. en

Emenda 82

Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) jirrikjedu li ***l-impjegaturi*** jinkludu informazzjoni dwar il-kompiti mistennija, il-kundizzjonijiet tax-xogħol, inklużi l-paga, il-protezzjoni soċjali**,** l-elementi ***tat-tagħlim u t-taħriġ fl-avviżi*** ta' ***postijiet battala u r-reklami għat-traineeships***.	(b) jirrikjedu li ***fl-avviżi ta' postijiet battala u fir-reklami għat-traineeships, il-fornituri tat-traineeships*** jinkludu informazzjoni dwar il-kompiti mistennija, il-kundizzjonijiet tax-xogħol, inklużi l-paga, il-protezzjoni soċjali ***u*** l-elementi ***ta' taħriġ, kif ukoll il-possibbiltajiet*** ta' ***reklutaġġ wara t-tlestija tat-traineeship***.

Or. en

Emenda 83

Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri jistgħu jipprevedu eċċezzjonijiet għal-limitu ta' żmien fil-punt (a) f'każijiet fejn durata itwal tkun ġustifikata fuq bażi oġġettiva.	***imħassar***

Or. en

Emenda 84

Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri effettivi biex jiżguraw li l-liġi rilevanti kollha tal-Unjoni applikabbli ***għall-ħaddiema*** tiġi implimentata u infurzata bis-sħiħ fir-rigward tat-trainees. B'mod partikolari għandhom:	L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri effettivi biex jiżguraw li l-liġi rilevanti kollha tal-Unjoni applikabbli ***għat-trainees*** tiġi implimentata u infurzata bis-sħiħ fir-rigward tat-trainees. B'mod partikolari għandhom:

Or. en

Emenda 85

Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) jiżguraw, f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti, mezzi għat-trainees biex jirrapportaw prattiki ħżiena u kundizzjonijiet tax-xogħol ħżiena, u jipprovdu informazzjoni dwar dawk il-mezzi	(f) jiżguraw, f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti, mezzi għat-trainees biex jirrapportaw ***b'mod anonimu u sigur*** prattiki ħżiena u kundizzjonijiet tax-xogħol ħżiena, u jipprovdu informazzjoni dwar dawk il-mezzi**.**

Or. en

Emenda 86

Proposta għal direttiva
Artikolu 7 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jiżguraw li t-trainees, inklużi dawk li ***r-relazzjoni ta' impjieg*** tagħhom ***tkun intemmet***, ikollhom aċċess għal soluzzjoni tat-tilwim effettiva u imparzjali u dritt għal rimedju, inkluż kumpens adegwat, fil-każ ta' ksur tad-drittijiet tagħhom li jirriżultaw minn din id-Direttiva jew minn liġi oħra tal-Unjoni ***applikabbli għall-ħaddiema***.	L-Istati Membri għandhom jiżguraw li t-trainees, inklużi dawk li ***t-traineeship*** tagħhom ***ikun intemm***, ikollhom aċċess għal soluzzjoni tat-tilwim effettiva u imparzjali u dritt għal rimedju, inkluż kumpens adegwat, fil-każ ta' ksur tad-drittijiet tagħhom li jirriżultaw minn din id-Direttiva jew minn liġi oħra tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 87

Proposta għal direttiva
Artikolu 8 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-rappreżentanti tal-ħaddiema jkunu jistgħu jinvolvu ruħhom fi kwalunkwe proċedura	L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-rappreżentanti tal-ħaddiema jkunu jistgħu jinvolvu ruħhom fi kwalunkwe proċedura

ġudizzjarja jew amministrattiva rilevanti biex jinfurzaw id-drittijiet u l-obbligi li jirriżultaw minn din id-Direttiva jew minn liġi oħra tal-Unjoni applikabbli ***għall-ħaddiema***. Huma jistgħu jaġixxu f'isem ***jew b'appoġġ ta' trainee wieħed jew aktar fil-każ*** ta' ***ksur ta' kwalunkwe dritt*** jew ***obbligu li jirriżulta minn din id-Direttiva jew minn liġi oħra tal-Unjoni applikabbli għall-ħaddiema***, bl-approvazzjoni ta' dak it-trainee jew ta' dawk it-trainees.

ġudizzjarja jew amministrattiva rilevanti biex jinfurzaw id-drittijiet u l-obbligi li jirriżultaw minn din id-Direttiva jew minn liġi oħra tal-Unjoni applikabbli ***għat-trainees***. Huma jistgħu jaġixxu f'isem ***dawk li jiffaċċjaw prattiki abbużivi li jirriżultaw mill-użu*** ta' ***traineeships,*** jew ***b'appoġġ għalihom***, bl-approvazzjoni ta' dak it-trainee jew ta' dawk it-trainees.

Or. en

Emenda 88

Proposta għal direttiva
Artikolu 9 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jintroduċu l-miżuri meħtieġa biex jipproteġu lit-trainees u lir-rappreżentanti tagħhom minn kwalunkwe trattament negattiv ***mill-impjegatur*** u minn kwalunkwe konsegwenza negattiva li tirriżulta minn ilment imressaq ***lill-impjegatur*** jew li tirriżulta minn kwalunkwe proċediment mibdi bl-għan li tiġi infurzata l-konformità mad-drittijiet previsti f'din id-Direttiva jew f'liġi oħra tal-Unjoni ***applikabbli għall-ħaddiema***.	1. L-Istati Membri għandhom jintroduċu l-miżuri meħtieġa biex jipproteġu lit-trainees u lir-rappreżentanti tagħhom minn kwalunkwe trattament negattiv ***mill-fornitur tat-traineeships*** u minn kwalunkwe konsegwenza negattiva li tirriżulta minn ilment imressaq ***lill-fornitur tat-traineeships*** jew li tirriżulta minn kwalunkwe proċediment mibdi bl-għan li tiġi infurzata l-konformità mad-drittijiet previsti f'din id-Direttiva jew f'liġi oħra tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 89

Proposta għal direttiva
Artikolu 9 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. B'mod partikolari, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex	2. B'mod partikolari, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex

jipprojbixxu t-tkeċċija jew l-ekwivalenti tagħha, u t-tħejjijiet kollha għat-tkeċċija jew l-ekwivalenti tagħha, ta' trainees minħabba li eżerċitaw id-drittijiet previsti f'din id-Direttiva jew f'liġi oħra tal-Unjoni ***applikabbli għall-ħaddiema***.	jipprojbixxu t-tkeċċija jew l-ekwivalenti tagħha, ***bħad-deċiżjoni li ma jiġix propost impjieg futur għand il-fornitur tat-traineeships,*** u t-tħejjijiet kollha għat-tkeċċija jew l-ekwivalenti tagħha, ta' trainees minħabba li eżerċitaw id-drittijiet previsti f'din id-Direttiva jew f'liġi oħra tal-Unjoni.
	Or. en

Emenda 90

Proposta għal direttiva
Artikolu 9 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. It-trainees li jqisu li ġew imkeċċija, jew li kienu soġġetti għal miżuri b'effett ekwivalenti, minħabba li eżerċitaw id-drittijiet previsti f'din id-Direttiva, jew f'liġi oħra tal-Unjoni ***applikabbli għall-ħaddiema***, jistgħu jitolbu ***lill-impjegatur*** jipprovdi raġunijiet debitament sostanzjati għat-tkeċċija jew il-miżuri ekwivalenti. ***L-impjegatur*** għandu jipprovdi dawk ir-raġunijiet bil-miktub.	3. It-trainees li jqisu li ġew imkeċċija, jew li kienu soġġetti għal miżuri b'effett ekwivalenti, minħabba li eżerċitaw id-drittijiet previsti f'din id-Direttiva, jew f'liġi oħra tal-Unjoni, jistgħu jitolbu ***lill-fornitur tat-traineeships*** jipprovdi raġunijiet debitament sostanzjati għat-tkeċċija jew il-miżuri ekwivalenti. ***Il-fornitur tat-traineeships*** għandu jipprovdi dawk ir-raġunijiet bil-miktub.
	Or. en

Emenda 91

Proposta għal direttiva
Artikolu 9 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li, meta t-trainees imsemmija fil-paragrafu 3 jistabbilixxu, quddiem qorti jew awtorità jew korp kompetenti ieħor, fatti li minnhom jista' jiġi preżunt li kien hemm tali tkeċċija jew miżuri ekwivalenti,	4. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li, meta t-trainees imsemmija fil-paragrafu 3 jistabbilixxu, quddiem qorti jew awtorità jew korp kompetenti ieħor, fatti li minnhom jista' jiġi preżunt li kien hemm tali tkeċċija jew miżuri ekwivalenti,

għandu jkun f'idejn ***l-impjegatur*** li jagħti prova li t-tkeċċija jew miżuri ekwivalenti kienu bbażati fuq raġunijiet għajr dawk imsemmija fil-paragrafu 2.

għandu jkun f'idejn ***il-fornitur tat-traineeships*** li jagħti prova li t-tkeċċija jew miżuri ekwivalenti kienu bbażati fuq raġunijiet għajr dawk imsemmija fil-paragrafu 2.

Or. en

Emenda 92

Proposta għal direttiva
Artikolu 11 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-ebda dispożizzjoni f'din id-Direttiva ma għandha tinftiehem bħala li tnaqqas il-protezzjoni tal-ħaddiema mogħtija minn strumenti oħra tad-dritt tal-Unjoni, tal-liġi nazzjonali, tal-ftehimiet kollettivi jew il-prattika.	1. L-ebda dispożizzjoni f'din id-Direttiva ma għandha tinftiehem bħala li tnaqqas il-protezzjoni tal-ħaddiema***, inkluż it-trainees,*** mogħtija minn strumenti oħra tad-dritt tal-Unjoni, tal-liġi nazzjonali, tal-ftehimiet kollettivi jew il-prattika.

Or. en

Emenda 93

Proposta għal direttiva
Artikolu 11 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Din id-Direttiva ma għandhiex taffettwa l-prerogattiva tal-Istati Membri li japplikaw jew li jintroduċu liġijiet, regolamentazzjoni jew dispożizzjonijiet amministrattivi li huma aktar favorevoli ***għall-ħaddiema*** jew li jinkoraġġixxu jew jippermettu l-applikazzjoni ta' ftehimiet kollettivi li huma aktar favorevoli ***għall-ħaddiema***.	3. Din id-Direttiva ma għandhiex taffettwa l-prerogattiva tal-Istati Membri li japplikaw jew li jintroduċu liġijiet, regolamentazzjoni jew dispożizzjonijiet amministrattivi li huma aktar favorevoli ***għat-trainees*** jew li jinkoraġġixxu jew jippermettu l-applikazzjoni ta' ftehimiet kollettivi li huma aktar favorevoli ***għat-trainees***.

Or. en

Emenda 94

Proposta għal direttiva
Artikolu 11 – paragrafu 3 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. L-Istati Membri jistgħu, dment li s-sħab soċjali nazzjonali jaqblu b'mod konġunt, jagħtu lis-sħab soċjali, fil-livell xieraq u soġġett għall-kundizzjonijiet stipulati mill-Istati Membri, l-għażla li jżommu jew jikkonkludu ftehimiet kollettivi biex jimplimentaw u jikkomplementaw il-protezzjonijiet stipulati f'din id-Direttiva.

Or. en

NOTA SPJEGATTIVA

SFOND

L-għadd ta' traineeships offruti fl-Unjoni qed jikber b'rata mgħaġġla. Huwa stmat li l-maġġoranza – sa 78 % – tal-persuni bejn it-18 u l-35 sena bħalissa qed ilestu traineeship, u din iċ-ċifra mistennija li tiżdied b'mill-inqas 16 % sal-2030.

Minkejja l-prevalenza tagħhom, it-traineeships għadhom kunċett wiesa' u definit b'mod laxk. It-terminu ġenerali jinkludi minn kollox, minn traineeships għall-gradwati reklamati fis-suq tax-xogħol miftuħ (spiss imsejħa "internships") għal taħriġ obbligatorju għall-professjonijiet (eż. tobba jew avukati), traineeships li jiksbu krediti universitarji, u dawk li jkunu parti minn politiki attivi tas-suq tax-xogħol. Dawn huma biss eżempji, mhux kategoriji legali, u spiss jikkoinċidu.

Dak li jgħaqqad dawn it-traineeships huwa li għandhom l-għan li jipprovdu perjodu qasir ta' xogħol fil-livell tad-dħul biex jgħinu liż-żgħażagħ jiksbu ħiliet prattiċi u professjonali biex jiffaċilitaw it-tranżizzjoni mill-edukazzjoni għal impjieg stabbli, jew jaċċessaw professjoni. Biex jinkisbu dawn il-ħiliet fuq il-post tax-xogħol, huwa kemm mistenni kif ukoll inevitabbli li t-trainee jwettaq xogħol matul it-traineeship tiegħu.

Traineeships jistgħu jkunu ta' benefiċċju sinifikanti kemm għat-trainee kif ukoll għall-fornitur tat-traineeships. Jistgħu jikkostitwixxu perkors importanti għall-aċċess min-naħa taż-żgħażagħ għas-suq tax-xogħol u għal ċerti professjonijiet, kif ukoll jikkomplementaw il-ħiliet akkademiċi tagħhom. Għall-fornituri tat-traineeships, jistgħu jipprovdu opportunità biex iż-żgħażagħ jiġu attirati, imħarrġa u miżmuma filwaqt li jitnaqqsu l-kostijiet tar-reklutaġġ. Madankollu, dawn il-benefiċċji jimmaterjalizzaw ruħhom biss jekk it-traineeships ikunu regolati b'mod adegwat.

Mingħajr regolamentazzjoni adegwata, it-traineeships jistgħu joħolqu riskji. In-nuqqas ta' ċarezza rigward il-kunċett u d-drittijiet ta' trainee wassal għal każijiet fejn iż-żgħażagħ iwettqu xogħol mingħajr protezzjoni kontra ħsara u sfruttament potenzjali.

Hemm preokkupazzjoni doppja: l-ewwel, it-traineeships jirriżultaw fi prattiki diskriminatorji. Traineeships mhux imħallsa jew imħallsa ħażin jistgħu jeskludu liż-żgħażagħ minn sfondi vulnerabbli. L-Ombudsman Ewropew, fl-2017, ikklassifika t-traineeships mhux imħallsa bħala "ċirku vizzjuż fejn il-privileġġ isegwi l-privileġġ". Barra minn hekk, nuqqas ta' paga u drittijiet imnaqqsa għaż-żgħażagħ jistgħu jwasslu għal diskriminazzjoni bbażata fuq l-età, ir-razza, id-diżabilità, u l-ġeneru. Pereżempju, it-trainees mhux imħallsa spiss ikunu nisa, b'evidenza ta' rati għoljin ta' fastidju sesswali, u t-trainees b'diżabilità jistgħu jingħataw inqas akkomodamenti mill-ħaddiema b'diżabilità. Id-diskriminazzjoni tista' tirriżulta wkoll abbażi tal-istatus ta' ħaddiem: jekk trainee jwettaq l-istess xogħol bħal impjegat, mingħajr

paga u fl-istess stabbiliment, dan ma jkunx trattament ugwali, bħal meta trainee ma jkunx imħallas minħabba li jkun qed iwettaq traineeship kurrikulari.

It-tieni preokkupazzjoni hija l-prattiki abbużivi li jirriżultaw mit-traineeships. Minflok ma tiġi ffaċilitata t-tranżizzjoni mill-edukazzjoni għal impjieg stabbli, jew l-aċċess għal professjoni, it-traineeships jistgħu jintużaw biex jissostitwixxu impjiegi fil-livell tad-dħul bħala forma ta' xogħol irħis u mhux regolat mingħajr ebda garanzija ta' opportunità ta' taħriġ. Dan jista' jkun partikolarment minnu għal traineeships li jsiru bħala parti minn kurrikuli akkademiċi jew vokazzjonali: is-suppożizzjoni li tali traineeships huma ta' kwalità aħjar ġiet kkontestata b'mod empiriku, speċjalment biż-żieda ta' "intermedjarji ta' internships", li huma aġenziji mhux regolati li l-universitajiet jużaw biex jiksbu internships.

In-nuqqas attwali ta' ċarezza dwar id-drittijiet ta' trainee jiġġenera wkoll kundizzjonijiet mhux ugwali madwar l-Istati Membri u bejn l-istabbilimenti, b'xi fornituri jibbenefikaw minn xogħol mhux imħallas għad-detriment ta' dawk li jħallsu t-trainees tagħhom.

L-APPROĊĊ TAL-ABBOZZ TA' RAPPORT

Iż-żewġ preokkupazzjonijiet stabbiliti hawn fuq, jiġifieri l-implikazzjonijiet diskriminatorji u l-prattiki abbużivi li jirriżultaw mit-traineeships, huma riżultat dirett tan-nuqqas ta' ċarezza regolatorja. In-nuqqas, il-kumplessità jew id-diversità tal-oqfsa regolatorji madwar l-Istati Membri, flimkien ma' infurzar dgħajjef, jippermettu li jinħolqu dawn il-prattiki abbużivi.

Dan minkejja l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (il-"QĠUE"), li konsistentement sostniet li l-kunċett ta' "ħaddiem" skont l-Artikolu 45 tat-TFUE jestendi għal persuna li tkun qed tagħmel traineeship. Skont il-ġurisprudenza tal-QĠUE, il-kriterji għal relazzjoni ta' impjieg huma li persuna twettaq servizzi għal u taħt id-direzzjoni ta' persuna oħra għal ċertu perjodu, u li tirċievi remunerazzjoni. Dan jinkludi lil kull min iwettaq attivitajiet reali u ġenwini, minbarra dawk meqjusa purament marġinali u anċillari.

Skont il-ġurisprudenza tal-QĠUE, it-trainees konsistentement issodisfaw din id-definizzjoni ta' ħaddiem. Dan għaliex hemm sovrapożizzjoni fundamentali bejn il-kunċett ta' ħaddiem u l-kunċett ta' trainee (kif definit fir-Rakkomandazzjoni Qafas ta' Kwalità tal-2014). It-trainees huma taħt id-direzzjoni tal-fornitur tat-traineeships u jwettqu xogħol "reali u ġenwin". In-nuqqas ta' remunerazzjoni nnifsu ma jwaqqafx lit-trainees mhux imħallsa milli jiġu kklassifikati bħala ħaddiema (inkella, dan ikun rekwiżit ċirkolari: l-impjegaturi kollha jkunu jistgħu jiddikkjaraw li l-ħaddiema tagħhom mhumiex ħaddiema minħabba li ma jkunux imħallsa). Ir-remunerazzjoni lanqas ma kienet kwistjoni f'deċiżjonijiet oħra tal-QĠUE dwar l-istatus ta' ħaddiem. Xogħol "reali u ġenwin" jirreferi għal kwalunkwe ħaġa lil hinn mill-attivitajiet purament marġinali jew anċillari, u l-QĠUE sostniet li dan jinkludi xogħol li jkun sar biex "jiksbu jew jiżviluppaw l-għarfien jew isegwu taħriġ professjonali" fi ħdan traineeship.

L-aspett l-aktar importanti huwa li, biex jitwettaq “kontenut solidu u sinifikanti ta’ tagħlim” aktar milli “xogħol ta’ livell baxx” (kif meħtieġ skont ir-Rakkomandazzjoni tal-2014), it-trainees x’aktarx li jwettqu xogħol “reali u ġenwin”. Biex jitgħallmu, it-trainees jeħtieġu jinvolvu ruħhom f’xogħol reali u ġenwin, li jfisser li jiġu kklassifikati bħala ħaddiema.

Dan jgħodd għat-tipi kollha ta’ trainees. Il-QĠUE applikat ir-rabta bejn l-impjiegi għall-erba’ tipi kollha: it-traineeships fis-suq tax-xogħol miftuħ, dawk li huma obbligatorji għal professjoni, dawk marbuta ma’ politiki attivi tas-suq tax-xogħol u dawk li jagħmlu parti minn kwalifika akkademika jew vokazzjonali. Bl-istess mod, għall-QĠUE, l-apprendistati, rikonoxxuti bħala kwalifiki vokazzjonali, għandhom status ta’ ħaddiem.

Waħda mill-preokkupazzjonijiet ewlenin fir-rigward tal-introduzzjoni ta’ regolament dwar it-traineeships hija li t-trainees mhux se jkollhom aktar il-garanzija li jitqiesu bħala ħaddiema skont il-kriterji tal-QĠUE. Il-preokkupazzjoni oħra hi li, sakemm trainee ma jiġix definit bi drittijiet u intitolamenti ċari, allura mhux se jkun possibbli li jiġu identifikati trainees “foloz” mingħajr ma wieħed ikun jaf x’inhu trainee “ġenwin”. Huwa problematiku wkoll li wieħed jitbiegħed mill-mudell ta’ apprendistat: dan l-approċċ huwa kompromess, li jmur lura għall-perjodu medjevali, li matulu ż-żgħażagħ kienu jirċievu paga mnaqqsa bi skambju għal kwalifika rikonoxxuta. Madankollu, it-traineeships ma joffru l-ebda minnhom.

Għalhekk ikun aktar konsistenti mal-ġurisprudenza tal-QĠUE li t-trainees jitqiesu bħala tip jew subsett ta’ ħaddiema. Tista’ ssir analoġija mal-ħaddiema part-time, b’terminu fiss jew ħaddiema permezz ta’ aġenzija skont id-dispożizzjonijiet eżistenti tal-UE.

Fid-dawl ta’ dan, l-Artikolu 153(1)(b) tat-TFUE huwa l-bażi tat-trattat rilevanti għad-Direttiva peress li jindirizza l-kundizzjonijiet tax-xogħol tat-trainees. Skont l-Artikoli 165(4) u 166(4) tat-TFUE, l-Unjoni ma għandhiex il-kompetenza li tadotta Direttiva dwar l-edukazzjoni jew it-taħriġ vokazzjonali, rispettivament. It-traineeships li jkunu offruti bħala parti minn kwalifika akkademika jew vokazzjonali jinkludu ż-żewġ kompetenzi peress li huma mfassla biex jipprovdu perjodu ta’ xogħol matul programm ta’ tagħlim.

Meta l-kompetenzi jikkoinċidu, il-QĠUE qagħdet fuq it-“test taċ-ċentru ta’ gravità” biex tiddetermina l-bażi xierqa tat-trattat, abbażi ta’ eżami tal-għan ewlieni tal-miżura. Din id-Direttiva tirregola primarjament il-kundizzjonijiet tax-xogħol tat-traineeships, mhux l-edukazzjoni jew it-taħriġ vokazzjonali. Minħabba li ma hemm l-ebda kwalifika marbuta ma’ traineeship, u lanqas kurrikuli formali involuti fi ħdan traineeship, it-traineeships ma jaqgħux taħt reġimi ta’ taħriġ vokazzjonali u edukattiv. Barra minn hekk, it-traineeships li jsiru matul lawrja universitarja huma kkummerċjalizzati bħala esperjenza *barra* mill-akkademja. L-għan huwa li l-istudji akkademiċi jiġu kkomplementati b’esperjenza reali ta’ xogħol. Għalhekk, iċ-ċentru tal-gravità huwa fuq il-ħidma mwettqa matul it-traineeship, u mhux fuq il-fornitur edukattiv.

L-abbozz ta’ rapport huwa għaldaqstant imfassal biex jindirizza ż-żewġ preokkupazzjonijiet ewlenin, jiġifieri d-diskriminazzjoni u l-prattiki abbużivi li jirriżultaw mill-użu ta’ traineeships, permezz ta’ approċċ bi tliet punti.

L-ISTRUTTURA TAL-ABBOZZ TA’ RAPPORT

Id-Direttiva għandha tliet approċċi biex tindirizza l-prattiki diskriminatorji u abbużivi li jirriżultaw mill-użu ta’ traineeships. Għandha l-għan li tirregola b’mod adegwat il-kundizzjonijiet tax-xogħol tax-xogħol imwettaq mit-trainees matul it-traineeship, kif previst fl-Artikolu 153(1)(b) tat-TFUE.

Definizzjoni u kunċett komuni

L-ewwel nett, id-Direttiva tipprovdi fehim komuni tal-kunċett u l-iskop ta’ traineeship. Fi ħdan l-Unjoni, bi traineeship nifhmu perjodu limitat ta’ xogħol fil-livell tad-dħul bl-għan li jiġu pprovduti ħiliet prattiċi u professjonali permezz ta’ taħriġ sinifikanti biex tiġi ffaċilitata t-tranżizzjoni mill-edukazzjoni għal impjieg stabbli jew l-aċċess għal professjoni, abbażi ta’ kuntratt bil-miktub bejn it-trainee u l-fornitur tat-traineeships, li jitħallas f’konformità mad-Direttiva (UE) 2022/2041.

Dan il-fehim kondiviż fost it-trainees, il-fornituri tat-traineeships, u l-Istati Membri se jipprevjeni li jirriżultaw prattiki abbużivi minn nuqqas ta’ ċarezza.

Prinċipju ta’ nondiskriminazzjoni

It-tieni, id-Direttiva għandha l-għan li tiżgura li l-protezzjonijiet eżistenti tal-Unjoni kontra d-diskriminazzjoni skont id-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE, id-Direttiva 2006/54/KE, u d-Direttiva tal-Kunsill 2000/43/KE jkunu applikabbli għat-trainees, filwaqt li tipprovdi ċarezza legali u ssaħħaħ id-drittijiet tat-trainees.

Miżuri għall-prevenzjoni ta’ prattiki abbużivi

It-tielet, id-Direttiva tintroduċi l-Artikoli 4 u 5 għall-prevenzjoni ta’ prattiki abbużivi li jirriżultaw mill-użu ta’ traineeships għal finijiet għajr il-faċilitazzjoni tat-tranżizzjoni mill-edukazzjoni għal impjieg stabbli jew l-aċċess għal professjoni.

Biex jinkiseb dan, id-Direttiva tistabbilixxi kriterji għall-identifikazzjoni ta’ prattiki abbużivi li fuqhom jiddependu l-awtoritajiet kompetenti, bħan-nuqqas ta’ komponent ta’ taħriġ, in-nuqqas ta’ kuntratt bil-miktub, id-durata eċċessiva, u n-nuqqas ta’ avviż ta’ post battal pubbliku. Il-fatt li fornituri tat-traineeships li għandhom proporzjon għoli ta’ trainees meta mqabbla mad-daqs tal-istabbiliment, jew li jissostitwixxu karigi permanenti b’reklami ta’

traineeships, jista' jkun indikazzjoni ta' prattiki abbużivi.

Bl-użu ta' dan il-qafas, id-Direttiva għalhekk tippermetti lill-awtoritajiet kompetenti jidentifikaw prattiki abbużivi li jirriżultaw mill-użu ta' traineeships fl-Unjoni, u jiżguraw protezzjoni kontrihom.

ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR IRĊEVIET KONTRIBUT MINGĦANDHOM

F'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura, ir-rapporteur tiddikjara li rċeviet kontribut mill-entitajiet jew il-persuni li ġejjin fit-tħejjija tal-abbozz ta' rapport:

Entità u/jew persuna
Trinity College, University of Oxford
European Trade Union Confederation
European Youth Forum
Eurofound
European Economic and Social Committee
Confederación Nacional de Pymes (CONPYMES)
EUROCADRES - The Council of European Professional and Managerial Staff
European Disability Forum
SMEunited
CEC European Managers - Confédération Européenne des Cadres
HOTREC, Hotels, Restaurants & Cafés in Europe
CEOE - Confederación Española de Organizaciones Empresariales;
European Confederation of Independent Trade Unions.

Il-lista ta' hawn fuq hija mfassla taħt ir-responsabbiltà esklużiva tar-rapporteur.

Meta persuni fiżiċi jkunu identifikati fil-lista b'isimhom, bil-funzjoni tagħhom jew bit-tnejn li huma, ir-rapporteur tiddikjara li ppreżentat lill-persuni fiżiċi kkonċernati l-Avviż tal-Parlament Ewropew Nru 484 dwar il-Protezzjoni tad-Data (https://www.europarl.europa.eu/data-protect/index.do), li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet applikabbli għall-ipproċessar tad-data personali tagħhom u d-drittijiet marbuta ma' dak l-ipproċessar.